# Knisja Waħda, Vjaġġ Wieħed

## Proċess ta' tiġdid ekkleżjali

2020-2024

L-ARĊIDJOĊESI TA' MALTA

vjagg.knisja.mt

| | |
|---|---|
| Qoxra | *Emmaus*: pittura ta’ Nathanael Theuma |
| Ritratti | Ian Noel Pace, Newsbook.com.mt |
| Stampat | Progress Press, l-Imrieħel |
| | |
| Ħajr | Il-Kummissjoni Koordinament<br>‘Knisja Waħda, Vjaġġ Wieħed’,<br>Dun Gilbert Scicluna |

ISBN: 978 99932 49 63 4

Ippubblikat għall-ewwel darba fl-2021 mill-Arċidjoċesi ta’ Malta

# Werrej


**Messaġġ mill-Arċisqof Charles Jude Scicluna** **5**

**Merħba** **6**

**Poplu "pellegrin" f'Malta** **9**

**It-Tmien taqsimiet tal-Proċess** **21**

1. Il-laqgħa tagħna mill-ġdid ma' Kristu 25
2. Knisja li xxandar u taqdi 29
3. Poplu Wieħed u Qaddis ta' Alla f'Malta 33
4. L-attitudnijiet pastorali ta' Kristu f'Għemmaws 39
5. Il-Poplu ta' Alla f'Malta llum 47
6. L-art fejn qed jintbagħat il-Poplu ta' Alla 55
7. Il-Ġrieħi tal-poplu f'Malta llum 65
8. Dixxerniment imqanqal mill-Ispirtu 79

Konklużjoni 84

**L-impenn tal-Arċidjoċesi għas-snin 2020-2024** **87**

Tqegħid tal-Pedamenti 89
Knisja li tisma': kontemplazzjoni 92
Knisja li tilqa': rikonċiljazzjoni 94
Knisja li takkumpanja: formazzjoni 96
Knisja li toħroġ: missjoni bħala qadi 98

Messaġġ mill-Arċisqof Charles Jude Scicluna
fit-tnedija tad-dokument

# Knisja Waħda, Vjaġġ Wieħed

Huwa b'ferħ kbir li llum, fis-Solennità tat-Trinità Qaddisa, qed inniedi d-dokument 'Knisja Waħda, Vjaġġ Wieħed'. Dan id-dokument jurina b'mod sabiħ ħafna l-viżjoni tal-Knisja f'Malta u l-proċess ta' tiġdid tal-Knisja ispirat minn din il-viżjoni.

Minn qalbi nirringrazzja lil dawk kollha li taw is-sehem tagħhom fit-tfassil ta' dan id-dokument, li ġie wkoll rivedut f'dawn l-aħħar xhur fid-dawl tal-esperjenza li għexna lkoll bil-pandemija COVID-19.

'Knisja Waħda, Vjaġġ Wieħed' jagħti viżjoni li għandha rabta partikulari mal-viżjoni tal-Papa Franġisku, b'mod partikulari mal-Eżortazzjoni Appostolika tiegħu *Evangelii gaudium*, u mal-mod kif il-Papa jifhem dan il-proċess ta' tiġdid fil-kuntest ta' Knisja lokali. Dan id-dokument jindika wkoll impenji partikulari fl-Arċidjoċesi għall-erba' snin li ġejjin fid-dawl ta' dan il-proċess ta' tiġdid.

Insejjaħ lill-entitajiet kollha tal-Knisja f'Malta—parroċċi, kongregazzjonijiet reliġjużi, skejjel, movimenti tal-lajċi, familji u oħrajn—biex jagħmlu tagħhom din il-viżjoni u jidħlu fil-proċess ta' dixxerniment propost. It-tiġdid li qed ikun propost mhux xi ħaġa li se tkun "imposta" minn fuq għal isfel, imma se jkun tassew process ħaj li jikber b'mod organiku fl-aspetti kollha tal-Knisja f'Malta.

Mil-lum id-dokument se jkun aċċessibbli fuq il-website tal-Arċidjoċesi ta' Malta www.knisja.mt. Nistedinkom ilkoll biex taqrawh, u biex flimkien tkunu parti minn dan it-tiġdid tal-Knisja. B'dan il-mod, imdawlin u mmexxijin mill-Ispirtu ta' Alla, bħala poplu pellegrin inkomplu niktbu l-istorja tal-Knisja f'pajjiżna li bdiet bil-miġja fostna ta' Missierna San Pawl, li lejh nibqgħu dejjem grati. Nitolbuh jidħol għalina, għall-Knisja f'Malta u għal pajjiżna.



7 ta' Ġunju 2020
Il-Grotta ta' San Pawl, ir-Rabat, Malta




# Merħba

Fl-Assemblea Djoċesana ta' Novembru 2018, fejn il-Knisja lokali rriflettiet fuq ir-realtà tagħha llum filwaqt li ħarset ukoll lejn dak li ħareġ mid-Dokumenti tas-Sinodu Djoċesan tal-2003, l-Arċisqof Charles Jude Scicluna ppropona r-rakkont tad-Dixxipli ta' Għemmaws mill-Evanġelju skont San Luqa (Lq 24: 13-36) biex idawwal proċess ta' dixxerniment ekkleżjali li jwassal għal riforma pastorali.

Fl-Assemblea Djoċesana ta' Novembru 2019, ġie ppreżentat abbozz tal-proċess—dan il-metodu ta' riflessjoni fi tmien stadji—li kull entità fil-Knisja kienet se tkun mistiedna tipprattika fil-konkret tar-realtà tagħha biex tipparteċipa b'mod sħiħ f'dixxerniment komunitarju. Id-dokument kien il-frott ta' diversi laqgħat fix-xhur ta' qabel, li taw stampa ċara tar-realtà spiritwali tal-Knisja lokali, u allura kien maħsub biex ikun minnu nnifsu duwa u prassi ta' attitudnijiet li jsaħħu x-xhieda tal-Poplu ta' Alla f'Malta. Dan il-proċess ta' dixxerniment ġie pprattikat b'mod konkret waqt l-Assemblea

Djoċesana 2019 stess, meta dawk preżenti, rappreżentanti tal-Knisja f'Malta, qasmu riflessjonijiet fi spirtu ta' talb li ġew ippreżentati lill-komunità kollha.

Ir-riflessjonijiet tal-Assemblea Djoċesana, u dawk miġbura f'serje ta' laqgħat li komplew sa Frar 2020, f'dawn l-aħħar xhur ġew mirquma fi proposti konkreti li l-Arċidjoċesi qed tidħol f'impenn li twettaq, anke fid-dawl tar-realtà ġdida ta' COVID-19, fis-snin li ġejjin.

Dawn l-impenji qed ikunu ppreżentati fuq il-website www.vjagg.knisja.mt bħala eżempju konkret għall-entitajiet kollha tal-Knisja—parroċċi, skejjel, kongregazzjonijiet reliġjużi, movimenti lajċi, proġetti ta' djakonija, u entitajiet Kattoliċi oħrajn—waqt li dawn ukoll jidħlu fil-proċess ta' dixxerniment propost. Għalhekk dan it-tiġdid ekkleżjali, mhux xi ħaġa li qed tkun "imposta" minn fuq għal isfel, jew miċ-ċentru għall-periferiji, imma se jkun tassew proċess ħaj li jikber b'mod organiku fl-aspetti u r-realtajiet kollha tal-Knisja f'Malta.

Dak li jagħmel il-proċess tassew ekkleżjali—li jagħmilna lkoll flimkien tassew "Knisja Waħda, Vjaġġ Wieħed"—huwa li lkoll nkunu mmexxija mill-istess Spirtu li dejjem jagħti l-Ħajja u ħajja bil-bosta. Huwa biss fil-ħajja li jagħti l-Ispirtu li l-Knisja tissaffa u titkattar bħala dixxipli missjunarji ta' Kristu f'pajjiżna. Huwa fl-istess Spirtu li nsibu l-kuraġġ li nimpenjaw ruħna b'mod kreattiv għas-servizz tas-Saltna t'Alla.

L-għażla li l-Isqfijiet joffru "proċess ta' tiġdid ekkleżjali" tirrifletti wkoll diversi indikazzjonijiet espressi mill-Papa Franġisku stess li jisħaq li l-Knisja għandha tibda proċessi fi spirtu ta' dixxerniment u djalogu li jwasslu għall-ħajja ġdida.

Għalhekk, fid-dawl tal-esperjenza tal-pandemija COVID-19, l-Arċidjoċesi qed toffri dan il-"Proċess ta' Tiġdid Ekkleżjali" biex, f'dan iż-żmien diffiċli wkoll inkomplu niktbu l-istorja tal-Knisja tagħna li bdiet bil-miġja ta' missierna San Pawl. Dan il-"Proċess ta' Tiġdid Ekkleżjali" jagħti l-viżjoni, u l-passi meħtieġa biex, waqt li lkoll nirriflettu fuqhom u ngħixuhom bil-mod uniku tal-komunitajiet tagħna, tassew li flimkien inkunu Poplu Pellegrin, "Knisja Waħda, Vjaġġ Wieħed."

Fuq **vjagg.knisja.mt**, fit-taqsima 'Riżorsi u Links' hemm riżorsi varji li jistgħu jintużaw għal dal-vjaġġ b'mod individwali jew fi grupp jew f'komunità.

L-Arċidjoċesi tħeġġeġ lil kull min jibda dal-proċess biex jibgħat dwaru fuq **https://vjagg.knisja.mt/rapport-ta-progess** sabiex jittella' fuq il-website, ħalli bħala knisja waħda fi proċess wieħed ta' tiġdid, inkunu xhieda ta' fejn l-Ispirtu qed isejħilna nterrqu fuq vjaġġ wieħed ta' fejqan u servizz f'Malta llum.



# Poplu “pellegrin” f’Malta

Il-Knisja mibgħuta tagħti xhieda tal-Aħbar it-Tajba bil-kliem, il-ġesti u l-għemil

## L-Ikona ta' Għemmaws

F'din l-aħħar sena, u mdawla mill-"Ikona ta' Għemmaws," diversi oqsma tal-Knisja lokali rriflettew fuq it-tama tagħhom li l-inkulturazzjoni tal-fidi tniżżel għeruq iktar fondi f'Malta llum. Taħt it-tmexxija

Dan il-proċess mhuwiex sempliċi pjan ta' ħidma, ... imma huwa stedina biex, bħala dixxipli, mill-ġdid inpoġġu f'riġlejn l-Imgħallem.

tal-Isqof Joseph Galea-Curmi, ingħata bidu għal proċess ta' smigħ mas-saċerdoti, reliġjużi u lajċi sabiex ninżlu aktar fil-fond ta' dak li tfisser il-kelma li Kristu qed jgħid lill-Knisja f'Malta permezz tas-silta ta' Għemmaws. Dan ma wassalx biss biex, bħala komunità Nisranija lokali, li l-fidi tagħha għandha għeruq storiċi li jinżlu fil-fond, naraw lilna nfusna fid-dixxipli—raġel u mara—li minn Ġerusalemm telqu lejn Għemmaws b'qalbhom imtaqqla u mbeżżgħa; imma wassal ukoll biex stajna nibdew induqu mill-konverżjoni li esperjenzaw meta Kristu Rxoxt iltaqa' magħhom fit-triq u, mimlijin ħeġġa ġdida, marru lura lejn il-merħla fil-Belt il-Qaddisa.

**Il-proċess fi tmien stadji li ġie mfassal jagħti l-istadji importanti ta' vjaġġ sinodali—xewqa u tama ħajja li, bħad-dixxipli ta' Għemmaws, kull wieħed u waħda minna l-imgħammdin li ngħammru f'Malta nagħrfu l-biżgħat, l-ansjetà, id-diżappunti u t-tbatijiet l-aktar profondi tagħna ... u nifirħu! Flimkien qed niġu mistiedna għal vjaġġ li matulu, bħala poplu pellegrin, inġeddu s-sejħa tagħna bħala dixxipli missjunarji f'din l-art tagħna.**



Jista' jkun li f'dan il-vjaġġ ikollna naffrontaw id-dgħufija u l-vulnerabbiltà tagħna; l-infedeltà u l-kburija tagħna; kif inqasna milli nkunu melħ, dawl u ħmira f'pajjiżna, imma minflok ħsibna li stajna nagħtu xhieda għall-Evanġelju biss billi nkunu "Malta Kattolika" u b'attitudnijiet riġidi. Imma wkoll jekk, bħad-dixxipli ta' Għemmaws, doqna l-imrar tal-mewt, bħalhom aħna mistiedna nġarrbu l-qawmien u t-twelid mill-ġdid bħala l-Knisja ta' Kristu.

U tassew, id-dixxipli ta' Għemmaws iltaqgħu ma' Kristu fis-siegħa l-iktar mudlama tagħhom. Bl-istess mod, huwa fid-dlamijiet tagħna bħala Maltin li Kristu qed jistedinna għal tiġdid bħala dixxipli, għal evanġelizzazzjoni li tagħti l-ħajja, għal qadi mill-qalb, u— bħal Nikodemu li mar jiltaqa' ma' Ġesù fid-dlam tal-lejl—għal twelid mill-ġdid mill-Ispirtu għall-Knisja f'Malta.

Din hija t-tama u l-isfida li r-Ragħajja tagħna poġġew quddiemna meta għażlu r-rakkont ta' Għemmaws bħala sfond għad-dixxerniment personali u komunitarju tagħna bħala Knisja: li nagħmlu tassew tagħna l-identità u s-sejħa li nkunu l-Poplu ta' Alla f'Malta, li bħala midinbin qed niġu mibgħuta nevanġelizzaw din l-art. Fi Spirtu wieħed, aħna mħeġġa nifirxu l-frieghi tagħna u mmissu l-aspetti kollha tal-ħajja fi gżiritna u fl-ibħra tagħna, u hekk inħarsu, insebbħu, u nsiru sinjali ta' ħajja ġdida f'Malta llum.

Għalhekk, dan il-proċess mhuwiex sempliċi pjan ta' ħidma, bħallikieku l-Knisja hi xi proġett tagħna, imma huwa stedina biex, bħala dixxipli, mill-ġdid inpoġġu f'riġlejn l-Imgħallem tagħna u nisimgħu dak li għandu x'jgħallimna.

L-**erba' attitudnijiet**, imnebbħin mill-Eżortazzjoni Appostolika Post-Sinodali tal-Papa Franġisku *Evangelii gaudium* (24 Nov 2013), u li l-Knisja lokali qed tiġi mistiedna tħaddan u tpoġġi fil-prattika fil-ħajja ta' kuljum, huma ferm meħtieġa f'pajjiżna. U dan tista' tagħmlu biss Knisja li tifhem sewwa s-sejħa tagħha li tkun dawl tad-dinja u l-missjoni tagħha li tkun melħ tal-art. **M'aħniex imsejħin nimponu t-twemmin u l-opinjonijiet tagħna jew, agħar, lilna nfusna, imma msejħin inkunu bħal dik il-ftit ħmira li, wara li ttella' l-għaġna, tmut sabiex il-ħobż isir ikel li jmantni lil ħutna (Maltin jew mhumiex). Knisja li tisma', li tilqa', u li takkumpanja lill-ieħor (filwaqt li nieħdu ħsieb xulxin) hija wkoll Knisja li tiftaħ beraħ il-bibien tagħha u toħroġ ixxandar l-Aħbar it-Tajba.**

Ejjew inħallu lill-Ispirtu s-Santu jmexxina f'dan il-proċess ta' tiġdid bħala Knisja waħda fi vjaġġ wieħed!

## COVID-19: Sfida li nilqgħu b'kuraġġ

Nistgħu nqisuh bħala wieħed mis-sinjali taż-żminijiet il-fatt li l-Knisja lokali—flimkien mal-Knisja Universali—bi kreattività qed ikollha tmur għal dak li hu l-iktar essenzjali f'dan iż-żmien straordinarju fl-istorja riċenti tal-umanità: il-pandemija tal-COVID-19.

Il-Knisja, imsejħa biex tkun "il-ġisem ta' Kristu" fix-xhieda tagħha ta' salvazzjoni, qed tiġi sfidata tmexxi lid-dinja fi proċess ta' tiġdid, fejn l-esperjenza stess ta' xi tfisser tkun bniedem, li nkunu "spirti inkarnati", jeħtieġ li tingħata mill-ġdid "twelid mill-ilma u l-Ispirtu" (Ġw 3:5) aħna u nerġgħu nevalwaw kif konna qegħdin ngħixu bħala komunità globali waħda, bħala komunità ta' nazzjonijiet, f'dinja mmarkata mit-teknoloġija diġitali. Qed isir urġenti iktar minn qabel dak li għallimna l-Papa Franġisku f'*Laudato si'* (24 ta' Mejju 2015) dwar il-ħtieġa ta' konverżjoni għal "żvilupp ekoloġiku integrali" f'kuntrast ma' modi ta' ħajja maħkuma mill-"paradigma teknokratika"(li naġixxu bil-loġika tat-teknoloġija minflok dik tassew umana).

Hu ironiku li, aħna u ngħixu din is-sitwazzjoni mhux tas-soltu ta' iżolament, biex nuru solidarjetà ma' xulxin u nieħdu ħsieb ġisimna (kemm b'mod personali u kif ukoll b'mod kollettiv), qed infittxu li nkunu hemm għal xulxin permezz ta' preżenza estiża jew "medjata", u li qed twassalna biex nesperjenzaw id-dinja bħallikieku 'l barra minn ġisimna stess.

Dan il-mod paradossali ta' kif qed ngħixu bħala bnedmin, fejn



inħossuna li nistgħu mmorru lil hinn mill-kundizzjoni fiżika tagħna, imma fl-istess ħin inħossuna hekk fraġli u kkundizzjonati mill-ġisem tagħna, irid iwassalna biex naħsbu bis-serjetà dwar is-sejħa tagħna li, bħala Knisja, inkunu preżenti f'dan l-ambjent "diġitali". Bix-xhieda li bħala Knisja nagħtu għall-Evanġelju, aħna msejħin li "nagħmlu iktar uman" u nwasslu għal żvilupp integrali dak li, s'issa, kemm fuq livell globali kif ukoll fuq livell lokali, għexnieh b'mod surreali fl-ekonomija, fis-sistemi politiċi u fil-ħajja tagħna ta' kuljum.

Din l-isfida ġdida titlob minna li ninkulturaw l-Evanġelju f'dan il-kuntest diġitali mingħajr ma ninsew li l-għeruq ta' dan il-kuntest xorta waħda huma fil-partikularità ta' kull storja umana, ta' kull post, ta' kull "poplu".

Il-ġest profetiku tas-Sinodu tal-Amażonja jfakkarna preċiżament dan: f'dan l-ambjent globali u diġitali ma nistgħux ninsew jew inwarrbu l-uniċità ta' kull kultura marbuta ma' art speċifika bl-istorja u l-kult tagħha. It-tentazzjoni tagħna s'issa kienet li nimxu mal-loġika "moderna" u ninjoraw l-importanza li għandhom l-art, l-istejjer partikolari u anke l-istess ġisem fiżiku. Imma kellha tkun pandemija biex theżżeż din il-loġika u turina, mhux biss li dawn huma importanti, imma wkoll li jeħtieġ inġeddu l-impenn tagħna li nirrispettaw il-ġisem tagħna, il-preżenza tagħna f'dan il-laħam, filwaqt li nitgħallmu nieħdu responsabbiltà tal-estensjonijiet teknoloġiċi tal-"ġisem" tagħna.

Forsi l-COVID-19 tista' tkun esperjenza li tgħallimna u tqajjimna min-ngħas tagħna biex induqu l-ħniena ta' Alla. Dan hu l-mod ta' kif, bħala Knisja, jeħtieġ li niġġeddu billi niskopru mill-ġdid l-essenza tal-Aħbar it-Tajba, u nħalluha tittrasformana, u nfittxu toroq ġodda ta' kif insiru tassew Insara f'dinja ġdida: fil-qima tagħna, fil-kliem u l-imġiba profetika tagħna, fix-xhieda li nagħtu fil-ħajja ta' kuljum permezz ta' għemejjel ta' ħniena.

Il-Knisja lokali tagħna għandha rwol importanti f'dan minħabba l-uniċità u l-għana tat-tradizzjoni tagħna; minħabba fir-reżiljenza u l-inġenjożità tagħna. Ejjew inħallu lill-Ispirtu s-Santu jmexxina f'dan il-proċess ta' tiġdid bħala Knisja waħda fi vjaġġ wieħed! L-impenn tagħna bħala l-Poplu ta' Alla għas-snin li ġejjin irid ikun attent għaċ-ċirkostanzi ġodda li ser jiżviluppaw bil-mod il-mod. Għaldaqstant, aħna mistiedna nagħmlu proċess ta' dixxerniment ekkleżjali tant meħtieġ sabiex nagħrfu tassew kif l-Ispirtu qed imexxi 'l quddiem lill-poplu tagħna f'din ir-realtà partikolari.

F'dan l-ambjent globali u diġitali ma nistgħux ninsew jew inwarrbu l-uniċità ta' kull kultura marbuta ma' art speċifika bl-istorja u l-kult tagħha.

## Nistennew il-miġja tal-Papa Franġisku

*"Ġiebu ruħhom magħna bi ħlewwa liema bħalha" (Atti 28:2)*
F'dan il-kuntest ta' sfida kbira imma wkoll ta' opportunità għal tiġdid spiritwali bħala Knisja f'Malta, xorta waħda għadna nistgħu nittamaw li ma ndumux ma nilqgħu fostna lill-Qdusija Tiegħu, il-Papa Franġisku.

**It-tema magħżula—***"Ġiebu ruħhom magħna bi ħlewwa liema bħalha" (Atti 28:2)***—tfakkarna kif il-Knisja f'Malta twieldet proprju f'dik il-"ħlewwa liema bħalha" murija min-nies ta' din il-gżira. Din it-turija ta' "ħlewwa liema bħalha" hija d-don u l-missjoni tal-Poplu ta' Alla f'Malta għalina stess u għall-Knisja Universali.**

Il-qalba tat-teoloġija tal-Papa Franġisku hija influwenzata mill-mod kif ġiet mifhuma fl-Arġentina t-teoloġija tal-Konċilju Vatikan II dwar "il-Poplu ta' Alla."[1] It-tagħlim "ġdid" tal-Papa, imfisser f'*Evangelii gaudium,* 217-237 u elaborat f'okkażjonijiet differenti tul is-snin tal-pontifikat tiegħu u dan l-aħħar fl-Eżortazzjoni Appostolika Post-Sinodali *Querida Amazonia* (12 ta' Frar, 2020), jistedinna naħsbu fuq il-fatt li, bħala "dixxipli missjunarji", aħna qatt ma nissejħu jew nintbagħtu waħedna. Aħna dejjem imsejħin u mibgħuta bħala "poplu": u mhux "poplu" f'sens "ideoloġiku", imma b'mod "reali" u inkarnat, u allura bħala poplu li "jinkultura" l-Evanġelju bil-mod partikolari tiegħu.

1 *Lumen Gentium*, Kostituzzjoni Dommatika dwar il-Knisja, 21 Novembru 1964. Fit-tieni kapitlu, dan id-dokument jippreżenta lill-Knisja bħala "l-Poplu ta' Alla."



**Poplu "inkarnat" huwa poplu "kolt" ("ikkultivat"): b'għeruq li jinżlu fil-fond fl-art, b'zokk ewlieni b'saħħtu li kiber fl-istorja, u bil-friegħi li jinfirxu 'l barra f'atti ta' qima (*cultus*) li jagħtu l-frott.**

Dak li jiddistingwi din it-teoloġija ta' kif jeħtieġ li nkunu bħala l-"Poplu ta' Alla" hu rifless fil-prijoritajiet ta' dan il-Pontifikat:

- il-karba tan-nies li sabu ruħhom maqtugħin mill-art u l-istorja tagħhom;
- l-għożża tad-dar komuni tagħna;
- il-bżonn li ndewwu l-ġrieħi fit-tessut "kulturali", b'mod speċjali l-kunflitti b'għeruq fondi;
- l-importanza tal-ftuħ għall-ħbiberija u d-djalogu;
- l-enfasi fuq li nibdew proċessi iktar milli niddominaw territorji;
- l-attenzjoni għaċ-ċkejknin li, fis-sempliċità tagħhom, juru b'mod qawwi l-imħabba tagħhom lejn Alla.

Iż-żjara tal-Papa Franġisku fi gżiritna—f'salib it-toroq, eżatt f'nofs baħar li madwaru kibru għadd ta' ċiviltajiet sa mill-ibgħad żminijiet—tagħtina l-opportunità li nesprimu b'mod ġdid din "it-teoloġija tal-poplu" tal-Papa.

Mhux bilfors hemm rabta ta' demm bejn il-"Maltin" li għal millenji sħaħ għexu fuq din il-gżira, imma kollha għandna l-għeruq tagħna f'din l-art, fl-istorja tagħha u permezz tal-kult li trawwem. Il-fatt li aħna "port kenni" fil-baħar imqalleb imma wkoll spazju fraġli fejn jiltaqgħu ċ-ċiviltajiet, ipoġġi fuq spallejn in-nies kollha r-responsabbiltà li "nikkultivaw" l-għixien tagħna flimkien: billi nibnu belt li tista' tirreżisti

> Din il-ħlewwa hija sinjal ta' ħbiberija murija lill-"ieħor."

l-prova taż-żmien; billi nseddqu r-relazzjonijiet soċjali kumplessi; billi nżommu ħaj u nieħdu ħsieb dak li jagħti tifsira lill-ħajja tagħna.

Li l-Papa Franġisku oriġinarjament għażel li jżur gżiritna nhar Għid il-Ħamsin 2020 għandu jnissel fil-poplu ta' Alla f'din l-art ix-xewqa li jerġa' jitwieled "mill-ġdid".[2] Qed jgħinna niżviluppaw mill-ġdid sens ta' missjoni biex "nikkultivaw" in-nies kollha ta' gżiritna billi nfakkru fl-ewwel laqgħa tagħna mal-Evanġelju: "*Malat*, minn fejn Malta tieħu isimha, kienet tfisser port kenni fil-kultura u l-lingwa tal-Feniċi, poplu baħħar ta' żmien il-qedem."[3] Kif jirrakkonta San Luqa fl-Atti tal-Appostli, il-karatteristika ewlenija tal-poplu ta' Malta kien li "ġiebu ruħhom magħna bi ħlewwa liema bħalha" (Atti 28:2).

Din il-ħlewwa hija sinjal ta' ħbiberija murija lill-"ieħor"; l-id tal-ħbiberija li toħroġ bħala wegħda ta' fraternità lejn il-"barrani" fil-baħar imqalleb.

---

2 Charles J. Scicluna, Omelija nhar l-Erbgħa tal-Irmied, 26 ta' Frar 2020, https://knisja.mt/erbgha-tal-irmied2020/

3 https://www.vaticannews.va/en/church/news/2020-02/pope-francis-malta-apostolic-visit-scicluna.html

Il-Gżejjer Maltin mhumiex "art tajba u wiesgħa, art tnixxi ħalib u għasel" (Eż 3:8). **Imma huma "port kenni" fejn tinbena ħbiberija ġenwina għal laqgħa ġenwina, fejn popli minn madwar il-Mediterran jiltaqgħu flimkien, iniżżlu l-għeruq tagħhom, jaqsmu l-kulturi tagħhom u hekk jinsġu ġrajja waħda li tiffurmahom f'"poplu wieħed" ikkaratterizzat mir-reżiljenza, l-inġenjożità u l-ġenerożità.**

Għalhekk hija trawma għall-identità tagħna bħala poplu "Malti" meta nħallu l-biża', ir-regħba, il-vjolenza u l-ġlied iħarbtu n-nisġa tas-soċjetà tagħna u jifirduna bejnietna: nispiċċaw wieħed (jew grupp) kontra l-ieħor, u nfittxu li nkunu aħjar u negħlbu 'l dawk li nħarsu lejhom bħala l-għedewwa tagħna. Mhijiex id-diversità li thedded l-għaqda tagħna bħala "poplu wieħed." Għall-kuntrarju, għal millenji sħaħ, id-differenzi—sew etniċi, kulturali, u saħansitra ta' twemmin—tlaqqmu fiz-zokk ewlieni u 'demmlu' l-ħamrija li minnha tissostna l-identità tagħna bħala poplu miftuħ u kapaċi jaddatta għal esperjenzi u sfidi ġodda.

**Hekk kif Malta sekulari tal-lum tiftaħ il-portijiet tagħha għal iktar immigranti, u n-nazzjon ċkejken tagħna kulma jmur qed isir iktar imħallat u kosmopolitan, qed niġu sfidati niskopru mill-ġdid dik il-wegħda tal-bidu li nkunu "port kenni" u li niġġeddu bħala sinjal ta' għaqda-fid-differenza f'kuntest globali u diġitali.**

Malta, il-gżira fiċ-ċentru tal-Mediterran, tista' tkun mudell ta' ħbiberija, djalogu u rikonċiljazzjoni. Dak li ngħixu wiċċ imb wiċċ, nistgħu napplikawh ukoll għall-preżenza diġitali tagħna.

**Din ir-responsabbiltà qed tagħfas b'urġenza akbar fuq il-"poplu ta' Alla" f'dawn il-gżejjer li llum qed jiġi msejjaħ biex, bl-istess "ħlewwa liema bħala" murija lill-Appostlu nnifsu, jagħti xhieda tal-preżenza ta' Kristu li tfejjaq billi jisma', jilqa', jakkumpanja u joħroġ.**

## Stedina għall-vjaġġ sinodali għas-snin 2020–2024

*Knisja Waħda, Vjaġġ Wieħed* huwa proposta għal proċess organiku ta' persuni, komunitajiet u ħbieb-fil-Mulej li jaħdmu flimkien. Dan il-proċess jeħtieġ li jkun "vjaġġ" sinodali—bħalma kien is-Sinodu tad-Djoċesi ta' Malta 1999–2003—li mhux biss ikun mifrux fuq medda ta' spazju u snin, imma li bil-mod il-mod ilaqqagħna wkoll mar-realtà kumplessa li fiha ngħixu u jdaħħalna iktar fil-fond tal-isfida li nkunu poplu "pellegrin". Għalhekk, kull taqsima fiha l-istess numru ta' punti ta' ftuħ għar-riflessjoni: mill-ewwel punt ċar daqs il-kristall, sat-tmien taqsima bi tmien modi ta' kif insiru tassew Knisja li tiddixxerni; Knisja li, bħal orkestra, teżegwixxi biċċa mużika b'ħafna strumenti differenti f'armonija bejniethom għax taħt id-direzzjoni tal-istess Spirtu Qaddis ta' Alla.

**L-Ispirtu s-Santu huwa dik il-qawwa moħbija f'qalbna li tgħaqqadna flimkien u tagħmlilna kuraġġ biex nibqgħu mixjin fl-isfidi kollha, anke jekk fid-dlam, sabiex infejqu u nqawwu lil xulxin u lil dawk fdati f'idejna f'din l-art tagħna. L-Ispirtu jdawwal kull pass tagħna f'din it-triq; hu nar dejjem iħeġġeġ; permezz tiegħu "nilbsu lil Kristu" u nsiru xhieda ħajja tiegħu, filwaqt li nħarsu bil-ħlewwa bħalma għamel l-Imgħallem tagħna ma' dawk kollha li ltaqa' magħhom.**

Għalhekk, imnebbħin mil-laqgħa ta' Kristu mad-dixxipli tiegħu fi triqthom lejn Għemmaws, u filwaqt li niftakru fit-twelid tal-Knisja Maltija permezz ta' dik il-wirja ta' "ħniena liema bħalha" (Atti 28:2), aħna ser inkomplu nixorbu mill-għejun tad-doni tal-Ispirtu s-Santu sabiex niġġeddu bħala l-Poplu Qaddis ta' Alla f'din il-gżira.



Kull waħda mill-komunitajiet lokali tagħna ser tkompli l-vjaġġ ta' dixxerniment flimkien biex **tisma', tilqa', takkumpanja u toħroġ** b'modi konkreti fl-"isptar fuq il-kamp tal-battalja" lokali fejn Kristu, permezz tal-Knisja, "il-ġisem u l-għarusa tiegħu," jixtieq jiltaqa' mal-irġiel, in-nisa u t-tfal kollha li qegħdin ibatu.

**Waqt li tistudja t-tmien taqsimiet tal-proċess ippreżentati fl-Assemblea Djoċesana tal-2019, fl-erba' snin li ġejjin:**

- kull dar u komunità żgħira miġbura f'isem Kristu,
- kull moviment lajkali,
- kull kongregazzjoni reliġjuża,
- kull istituzzjoni tal-Knisja li taqdi s-soċjetà—b'mod speċjali l-ħafna skejjel tal-Knisja u l-istituzzjonijiet tad-djakonija—u
- kull parroċċa, trid tfittex li, b'fedeltà akbar, tkun f'sintonija mad-doni partikolari u l-kariżma tal-Ispirtu s-Santu fiha, u **tiddixxerni** s-sejħa li tagħmel ħwejjeġ ikbar f'isem Kristu:

- **billi tisma' l-Kelma tiegħu** u tikber fil-**kontemplazzjoni** ta' Alla kif espressi fit-talb u l-qima flimkien; minn din l-għajn tal-Ħajja, aħna nistgħu niftħu qalbna biex tassew **nisimgħu lil xulxin u naqraw is-sinjali taż-żminijiet;**
- **billi nilqgħu lill-barrani** fostna, u għaldaqstant infittxu ġesti konkreti ta' **fejqan u rikonċiljazzjoni** b'mod speċjali fil-qadi ta' dawk li huma l-iktar vulnerabbli;
- **billi nakkumpanjaw lil xulxin** sabiex inpoġġu fil-prattika riformi konkreti fil-proċess Nisrani ta' **formazzjoni u integrazzjoni personali u komunitarja** tul ħajjitna kollha;



- **billi nintbagħtu** u għalhekk niddixxernu modi konkreti ta' kif qed niġu msejħa **nevanġelizzaw** u **nagħtu xhieda għall-ħniena ta' Alla li ssalva b'għemejjel konkreti ta' qadi.**

Fil-kuntest tax-xhieda tagħna bħala Knisja, nagħrfu l-valur ta' **ġesti qawwija** li jkunu sinjali profetiċi ta' verità, ġustizzja, fejqan u rikonċiljazzjoni. Dawn l-għemejjel mhux biss iċaqalqu, imma wkoll jikxfu l-istrutturi tad-dnub, jisfidaw għal riflessjoni iktar profonda u jipproponu dak id-dixxerniment meħtieġ biex insibu triq 'il quddiem li taqbel iktar mal-Aħbar it-Tajba. Bħala dixxipli ta' Kristu, jeħtieġ li nimitaw lill-Imgħallem tagħna li

- għażel li jsalvana permezz tal-**ubbidjenza** tiegħu: għalhekk irridu nagħżlu r-rieda ta' Alla u l-glorja tiegħu u naħarbu t-tentazzjoni li nfittxu l-glorja tagħna, naqdu l-interessi tagħna, jew niżirgħu l-pika u l-firda minħabba l-ebusija ta' qalbna;
- għażel li jsalvana billi **ftaqar**: għalhekk l-importanza ta' eleganza dinjituża, ta' sens ta' qies f'dinja konsumerista, ta' sbuħija li tiġbed bis-sempliċità tagħha u mingħajr ftaħir;
- għażel li jsalvana permezz tal-**ħbiberija**: għalhekk l-importanza ċentrali tar-relazzjonijiet, ikkaratterizzati minn imħabba diżinteressata, skont l-istat ta' kull wieħed u waħda minna;
- għażel li jsalvana billi għex **fid-dinja**, billi mess il-ġrieħi tagħha u ħa fuqu 'r-riħa tan-nagħaġ tiegħu': għalhekk is-sejħa li nkunu ħaġa waħda mar-realtajiet kumplessi tad-dinja u hemmhekk insiru dawl, melħ u ħmira—sinjali ta' tama vera għal gżiritna.





# It-Tmien taqsimiet tal-Proċess

## It-Tmien Passi fil-Proċess ta' Tiġdid Ekkleżjali

1. Il-qalba tal-ħajja Nisranija hija l-laqgħa ma' Kristu li jsejħilna biex inkunu miegħu u biex jibgħatna

2. Din tilħaq il-milja tagħha fix-xandir tal-Aħbar it-Tajba (Evanġelizzazzjoni) permezz ta' atti konkreti ta' mħabba (Djakonija).

3. L-esperjenza ta' Kristu tiffurmana bħala l-"Poplu Qaddis ta' Alla" ... li jfittex l-iżvilupp ekoloġiku integrali permezz tal-ħarsien attiv tal-art u tar-relazzjonijiet tagħna; li hu rrikonċiljat mal-istorja tiegħu u jgħix fit-tama tal-qawmien; u li jiċċelebra l-Misteru tal-Għid b'radd il-ħajr għad-doni kollha li rċieva.

   **Kristu jistieden lid-dixxipli missjunarji kollha biex jieħdu sehem (fil-missjoni tiegħu ta' salvazzjoni li tfejjaq u ġġedded.**

4. Il-Knisja hi msejħa tgħix l-erba' dinamiċi ekkleżjali li Kristu jgħallimna fil-ġrajja ta' Għemmaws:
   - nisimgħu (il-Kelma tiegħu);
   - nilqgħu (lill-"fqir u l-barrani");
   - nakkumpanjaw (lil xulxin); u
   - noħorġu (mingħajr biża').

5. Biex nirreżistu t-tentazzjoni għall-frammentazzjoni, u li nibnu niċeċ fl-*ecclesia* (ġemgħa ta' nies li jemmnu), jeħtieġ niftakru li bħala dixxipli—midinbin imsejħin minn Kristu—aħna marbutin flimkien fl-Ispirtu s-Santu biex niġu mibgħuta b'modi distinti imma fl-istess ħin kumplimentari.

6. Ix-xhieda tagħna tal-Aħbar it-Tajba trid tingħex f'sinerġija fl-"ispazji" distinti kollha li fihom il-Knisja tfittex li tiżra' żerriegħa li tikber f'"waqtha" f'Malta tal-lum.

7. Esperjenzi ta' tbatija, li jaħsdu, jittrawmatizzaw u jimblukkaw (ara Lq 24:17), huma dejjem il-*kairos* fejn Kristu jixtieq jiltaqa' ma' kull raġel u mara biex joffri l-fejqan u jibni l-Knisja tiegħu. Għalhekk, l-ewwel u qabel kollox, bħala l-Poplu ta' Alla aħna mibgħuta "fl-isptar fil-kamp tal-battalja" fejn it-tbatija hi fl-aqwa tagħha. Hemmhekk, il-ġrieħi jistgħu jiġu mdewwija u mfejqa biex isiru l-marki tal-ġisem igglorifikat ta' Kristu Rxoxt.

   Hemmhekk il-Knisja tkun idejn u saqajn Kristu.

8. Li nkunu dixxipli missjunarji jfisser li nkunu attenti għal proċess ta' ħolqien mal-Ispirtu s-Santu li jitlob dixxerniment personali u komunitarju fi ħdan l-*ecclesia*.

   Bħala komunità partikolari ta' dixxipli li qed niġu mibgħuta f'Malta tal-lum, qed nibdew proċess ta' dixxerniment ekkleżjali li jrid jirrifletti dak li jixtieq Kristu għal:

   - kontemplazzjoni tagħna (**Knisja li tisma'**)
   - bini tal-komunjoni permezz tar-rikonċiljazzjoni (**Knisja li tilqa'**)
   - formazzjoni (**Knisja li takkumpanja**)
   - qadi u missjoni (**Knisja li toħroġ**).

## 8. Dixxerniment imqanqal mill-Ispirtu

| Personali | Fil-Komunità |
|---|---|
| Ħajja Privata<br>Dawk fdati f'idejna<br>Fi rwoli pubbliċi<br>Għall-ġid tad-dar komuni | Fil-Knisja "Domestika"<br>Istituzzjonijiet tal-Knisja<br>Kongregazzjonijiet Reliġjużi u Movimenti lajkali<br>Fl-Arċidjoċesi |

## 7. Il-Ġrieħi tal-poplu f'Malta llum

- Memorja Personali u Kollettiva
- Relazzjonijiet Intimi
- Knisja Istituzzjonali
- Fil-Poplu ta' Alla
- Fit-tessut soċjali
- Fl-Ambjent
- Ruħ Personali u Kollettiva

## 6. L-Art fejn qed jintbagħat il-Poplu ta' Alla

- Periferiji
- Il-"belt"
- Istituzzjonijiet Pubbliċi
- Istituzzjonijiet tal-Knisja
- Spazji Domestiċi
- Spazji Diġitali

## 5. Il-Poplu ta' Alla f'Malta llum

- L-Ordni Sagri
- Reliġjużi
- Lajċi impenjati
- L-Insara fid-Dinja
- Dawk kollha ta' Rieda Tajba

## 4. L-Attitudnijiet Pastorali ta' Kristu f'Għemmaws

- Knisja li Tisma'
- Knisja li Tilqa'
- Knisja li Takkumpanja
- Knisja li Toħroġ

## 3. Poplu wieħed u qaddis ta' Alla f'Malta

- L-Art li Tagħtih l-Għixien
- L-Istorja tal-Poplu
- Il-Qima tal-Poplu

## 2. Knisja li xxandar u taqdi

- Evanġelizzazzjoni
- Djakonija

## 1. Il-Laqgħa tagħna mill-ġdid ma' Kristu

"Infetħulhom għajnejhom u għarfuh"



1

# Il-laqgħa tagħna mill-ġdid ma’ Kristu

Imbagħad infetħulhom għajnejhom u għarfuh, iżda hu għab minn quddiemhom (Lq 24:31)

It-tiġdid tal-Knisja Maltija jibda bil-**laqgħa tagħna mill-ġdid ma’ Kristu**. L-Evanġelista Luqa jibni r-rakkont ta’ Għemmaws bħala prototip tar-rakkonti tal-laqgħa tad-dixxipli ma’ Kristu Rxoxt. Id-dixxipli, li mxew wara dak il-predikatur itineranti minn Nazaret li fejjaq u għamel l-għeġubijiet—“profeta” li emmnu li kien il-Messija mwiegħed lil Iżrael (Lq 24:19,21)—kienu mkissrin, diżillużi u beżgħana wara l-ħasda tat-tislib tiegħu bla mistenni. Bħal Pietru, li reġa’ lura għax-xogħol tiegħu wara l-qtil tal-Imgħallem tiegħu (ara Ġw 21:1–3), huma wkoll telqu minn Ġerusalemm.

Donnhom injoraw ix-xhieda tan-nisa u l-qabar vojt (Lq 24:22–24). It-tama tagħhom ma kinetx biss li jiġbru l-biċċiet tal-ħajja tagħhom, imma, iktar probabbli, li jsalvaw ġildhom. Fil-konvinzjoni tagħhom li l-Mulej kien mejjet, il-komunità nnifisha bdiet titfarrak: kulħadd jaħseb għal rasu; kulħadd fuq xogħlu u kulħadd qabad triqtu. **Hu biss fi Kristu li setgħu jkunu ħaġa waħda.**

Fi triqthom 'l hemm minn Ġerusalemm, Kristu Rxoxt jiġi jiltaqa' magħhom u jimxi magħhom it-triq kollha. U, bħalma għamel drabi oħra qabel, fit-triq joqgħod ukoll ifissrilhom dak li l-Iskrittura tgħid fuqu (Lq 24:27).

Imma huma baqgħu ma għarfuhx. Għajnejhom baqgħu mgħammda; il-fidi tagħhom bierda.

Imma kien sempliċiment permezz ta' ġest ċkejken ta' tjubija u ospitalità lejn il-barrani (ara Lq 24:29)—ġest li nifed fl-għeluq tagħhom fihom infushom—li l-Mulej seta' juri ruħu lilhom.

Biex jiftħilna għajnejna, Kristu għandu bżonn biss sinjal imqar ċkejken ta' rieda li niltaqgħu miegħu.

Imma, hekk kif "infetħulhom għajnejhom u għarfuh," huma setgħu jifilħu għad-dehra tal-glorja tiegħu għal waqt wieħed biss. "Iżda hu għab minn quddiemhom" (Lq 24:31). Id-dawl tal-preżenza trasfigurata tiegħu kien wisq biex setgħu jifilħu għalih sakemm jirċievu l-Ispirtu s-Santu bħala ġemgħa fl-aħħar taż-żminijiet, il-"Poplu Qaddis ta' Alla."

Dik il-laqgħa ma' Kristu Rxoxt kienet biżżejjed biex minn dixxipli diżorjentati mixjin lejn Għemmaws isiru "dixxipli missjunarji" (*Evangelii gaudium,* 24, 119-121, 173) u ż-żerriegħa tal-*ecclesia*.

- Dawn id-dixxipli jiksbu l-qawwa biex imorru Ġerusalemm dak il-ħin stess (ara Lq 24:33);
- jirċievu l-Ispirtu s-Santu mingħand Kristu stess li jidher lill-grupp kollu miġbur fil-Belt Qaddisa (ara Lq 24:36);



- rawh jitla' s-sema (ara Lq 24:51).
- Bi tweġiba għal dan, bħala l-fdal ta' Iżrael, huma jmorru fit-tempju jbierku 'l Alla (ara Lq 24:53).
- B'hekk, kif ifakkarna tajjeb San Luqa permezz tal-profezija ta' Ġoel, huma jħejju għall-Aħħar Jiem mibdija bit-tiswib tal-Ispirtu s-Santu fuq kull bniedem (Atti 2:17).

Dawk id-dixxipli li mxew wara Ġesù u li ħassewhom mitlufa u mbeżżgħa quddiem il-mewt tiegħu, issa jsiru l-ewwel "ġisem ta' Kristu" biex jagħtu xhieda tal-ferħ li ġabet fid-dinja s-salvazzjoni tiegħu. Huma mhux biss ixandru l-Aħbar it-Tajba lill-imsejknin, imma bil-qawwa li tinżel fuqhom huma jfejqu l-morda, jerfgħu lill-mitluqin, jaħfru d-dnubiet u jibnu komunitajiet ta' ħbieb li fihom "ma hemmx iżjed Lhudi u anqas Grieg, ma hemmx ilsir u anqas ħieles, ma hemmx raġel u anqas mara; għax intom ilkoll ħaġa waħda fi Kristu Ġesù" (Gal 3:28). Bħalma wegħidhom Ġesù: "Tassew tassew ngħidilkom, min jemmen fija hu wkoll għad jagħmel l-opri li qiegħed nagħmel jien, u akbar minnhom għad jagħmel … jekk titolbuni xi ħaġa f'ismi, jiena nagħmilha." (Ġw 14:12–14).

**Id-doni tal-għaġeb tal-Ispirtu msawba fuq il-magħżulin—"Lil kull wieħed tingħata r-rivelazzjoni tal-Ispirtu għall-ġid ta' kulħadd: lil wieħed kliem l-għerf, mill-istess Spirtu; lil ieħor il-kelma tas-sapjenza mill-istess Spirtu; lil ieħor il-fidi mill-istess Spirtu; lil ieħor id-don tal-fejqan mill-istess Spirtu; lil ieħor is-setgħa tal-mirakli; lil ieħor id-don tal-profezija; lil ieħor id-don tal-għażla tal-ispirti; lil ieħor diversi ilsna; lil ieħor it-tifsir tal-ilsna" (1 Kor 12:7-10)—tkebbsu u nfirxu bħal nar jaqbad hekk kif il-Knisja xterdet mad-dinja kollha magħrufa dak iż-żmien … inkluż fi gżiritna.**



2

# Knisja li xxandar u taqdi

U wieħed lill-ieħor bdew jgħidu: "Ma kinitx imkebbsa qalbna ġewwa fina huwa u jkellimna fit-triq u jfissrilna l-Iskrittura?" Dak il-ħin stess qamu u reġgħu lura Ġerusalemm (Lq 24:32–33a)

Taħt il-ħarsa kollha mħabba ta' Omm Alla, il-Knisja ta' Pawlu msejħa tkompli xxandar u taqdi. Il-poplu Malti kien imbierek bil-Kelma li ssalva minn fomm l-Appostlu stess u bl-għixien tagħha fil-qadi ġeneruż u leali. Kapitlu 28 tal-Atti tal-Appostli jixhed għall-ospitalità murija lil Pawlu u l-priġunieri l-oħra u s-suldati li salvaw mill-għarqa. **Missirijietna mhux biss kienu fost l-ewwel li laqgħu l-Evanġelju, imma wkoll għexuh billi taw kenn lill-barrani.**

U, minkejja l-istorja mqallba tagħna, fittixna li nkomplu din it-tradizzjoni matul is-sekli, b'mod partikolari billi nieħdu ħsieb il-morda u l-feruti li waslu fi gżiritna, liema servizz kien imsaħħaħ mill-Ordni Sovran Militari u Ospitalier ta' San Ġwann u Ġerusalemm (l-Ordni ta' Malta).

Illum, għandna l-isfida li nkomplu ngħinu l-immigranti li jissograw ħajjithom fl-ibħra tagħna jew ifittxu ħajja ġdida f'din l-art tagħna. U nkomplu nieħdu ħsieb dawk fostna li huma morda, foqra u dawk kollha li jħossuhom mgħaffġin mill-ħajja.

Fuq kollox, aħna msejħin inpoġġu l-ħarsien tal-ħajja umana u d-dinjità ta' kull bniedem fiċ-ċentru tax-xandir u l-qadi tagħna.

## Il-Knisja tagħna tissokta tagħmel il-frott permezz tal-għejun spiritwali tal-Evanġelizzazzjoni u d-Djakonija

Fis-seklu li għadda, faru b'abbundanza l-għejun tal-Evanġelizzazzjoni u d-Djakonija hekk kif San Ġorġ Preca rawwem spiritwalità ta' katekeżi li biha stagħnew il-parroċċi tagħna kif ukoll ġnus oħra. Hekk ukoll, ħafna mit-tiġdid li sar fil-Knisja lokali wara l-Konċilju nibet bit-talb permezz tal-Kelma fil-ħafna movimenti ġodda tal-lajċi.

Monsinjur Giuseppe De Piro u oħrajn waqqfu ordnijiet reliġjużi ta' rġiel u nisa missjunarji biex jiddedikaw ħajjithom għall-qadi tal-aħwa kull fejn jibgħathom l-Ispirtu. Monsinjur Mikiel Azzopardi fetaħ id-Dar tal-Providenza li, bil-ġenerożità tal-poplu Malti, għadha taqdi lill-ulied l-iktar għeżież tagħna.



Sal-ġurnata tal-lum, il-Knisja Maltija, f'kollaborazzjoni mal-Istat Malti, għadha taqdi lil dawk l-iktar fil-bżonn: sew jekk fid-djar tal-anzjani, bil-kura ta' dawk li waslu fl-aħħar, bit-trobbija ta' tfal ġejjin minn sitwazzjonijiet diffiċli, kif ukoll bl-għajnuna lin-nies fil-bżonn jew bi problemi ta' dipendenza, dawk li jsofru minn abbuż domestiku, jew l-immigranti u r-refuġjati li qed jippruvaw jibnu ħajjithom mill-ġdid.

Din il-Kelma li ħalliet il-frott f'għemejjel konkreti ta' ħniena mill-poplu tagħna, tista' tinqara wkoll fl-istess pajsaġġ tagħna ffurmat matul is-sekli. Il-monumenti reliġjużi mxerrdin kull fejn tħares jirrakkuntaw ġrajja ta' salvazzjoni u jiċċelebraw il-glorja ta' Alla permezz tal-ġebel, tal-arti u tat-teżori nazzjonali. Ħafna mill-wirt reliġjuż tagħna jfakkar it-talb ħerqan tagħna matul iż-żminijiet lil Marija, Omm Alla, li daħlet għalina biex stajna nġarrbu l-grazzja ta' Alla fil-mumenti l-iktar iebsa—mard u mewt, ġuħ u faqar, assedji u gwerer. Ma nistgħux ngħodduhom id-drabi, tul l-istorja twila tagħna, li fihom missirijietna għarfu li Alla biss seta' jgħinhom fis-siegħa tal-prova, meta l-Kelma u l-Karità, **l-Evanġelizzazzjoni u d-Djakonija, kienu ż-żewġ dirgħajn li bnew il-Knisja tagħna hi u terfagħhom mill-ġdid lejn is-sema fit-tifħir u r-radd il-ħajr.**

Hu minnu li, illum, Malta mhijiex tbati mill-ħerba li jġibu l-għaks estrem, il-pestilenzi u l-gwerer. Imma xorta waħda, ruħ in-nies tagħna hi mħeddla bl-indifferenza; imħawda minħabba l-bidliet mgħaġġla fil-kultura; għajjiena bil-pass imgħaġġel tal-istil ta' ħajja li qegħdin ngħixu; imtaqqla bi tbatija fis-skiet. Il-feriti psikoloġiċi tagħna jidher li huma perikolużi daqs il-ġrieħi fiżiċi "tal-isptar fil-kamp wara l-battalja." Dawn ukoll jeħtieġu li jiġu mdewwija u nfaxxati b'mod urġenti.

Il-feriti psikoloġiċi tagħna jidher li huma perikolużi daqs il-ġrieħi fiżiċi "tal-isptar fil-kamp wara l-battalja."

**Filwaqt li l-komunità Nisranija lokali tixxennaq li dduq mill-ġdid il-qawwa tal-laqgħa ma' Kristu li twellidna mill-ġdid, hi tfittex li tieħu ħsieb ta' ruħha mħeddla permezz tal-Kelma tiegħu u li tirriforma ruħha billi timita l-imħabba tiegħu li ċekken lilu nnifsu. Għalhekk jeħtieġ li mhux biss naqraw is-sinjali taż-żminijiet imma wkoll li niftakru f'dak li aħna msejħin inkunu bħala l-Poplu wieħed u qaddis ta' Alla f'din il-gżira.**

**B'hekk biss il-Knisja tista' tintbagħat mill-ġdid fir-realtà soċjo-politika li qegħdin ngħixu fiha.**



3

# Poplu Wieħed u Qaddis ta' Alla f'Malta

"Aħna konna nittamaw li hu kien dak li kellu jifdi lil Iżrael" (Lq 24:21)

L-art, il-ġrajjiet u l-espressjoni tal-fidi huma l-għeruq tal-Poplu Qaddis ta' Alla f'Malta. Il-ħajja Nisranija tieħu l-forma tagħha mis-salib. Fil-ħajja tagħna ta' kuljum, aħna nterrqu b'mod **orizzontali**, immorru mid-dar għax-xogħol, mill-iskola għall-postijiet ta' divertiment, mill-knejjes tagħna għall-periferiji, u wkoll fl-ispazji diġitali. U dan il-vjaġġ nagħmluh konxji li l-istorja tal-fidi tagħna, mgħoddija lilna minn missirijietna, tiftaħ il-ħajja tagħna 'l fuq b'mod **vertikali** għat-tama tat-Tieni Miġja. "Iż-żmien hu aqwa mill-ispazju" (*Evangelii gaudium*, 222-225) għax iż-żmien jgħaqqad kull mument tal-eżistenza maħluqa tagħna mal-aħħar taż-żmien. Imma din l-eżistenza trid tingħex f'komunità għax Alla hu

Komunjoni; din il-"ħajja" mogħtija ssib il-milja tagħha fl-esperjenza ta' Knisja, fejn niġu trasformati f'Poplu Qaddis ta' Alla miġbur fl-imħabba tal-Ispirtu s-Santu u fil-ferħ tal-ewwel *kerygma*. L-universalità tal-Knisja tinbena minn dawn il-ħafna espressjonijiet uniċi tal-"Poplu Qaddis ta' Alla" f'kulturi differenti.

Il-Kattoliċità hija x-xhieda ta' kull wieħed mill-"popli" differenti li flimkien jirriflettu s-sbuħija tal-għaġeb tas-salvazzjoni u d-divinizzazzjoni mwiegħda minn Alla lil kull bniedem.

"Kif dan il-ħobż maqsum kien imxerred fuq l-għoljiet u mbagħad inġabar u sar ħaġa waħda, ħa tkun miġbura wkoll il-Knisja tiegħek minn truf l-art fis-Saltna tiegħek" (Didache 9.4).

Dak li jagħmel uniku lil kull poplu jidher fil-**kultura partikolari tiegħu**. Għax hi dak "is-sħiħ li hu ikbar mill-ġabra tal-partijiet flimkien" (*Evangelii gaudium,* 234-237) u li jirrifletti l-ispirtu ta' poplu, il-kultura hija dik il-ħamrija għammiela li fiha x-xhieda għall-Aħbar it-Tajba ta' poplu partikolari tikber u tagħti l-frott.

**Hemm tliet aspetti li jibnu "poplu" fi knisja vera, "Poplu Qaddis ta' Alla" uniku: l-art, l-istorja, l-espressjoni tal-fidi.**

## Il-mod kif il-poplu jgħix f'armonija f'artu u mal-art li tagħtih l-għixien

Fl-enċiklika tiegħu *Laudato si'*, il-Papa Franġisku jsejjaħ għal "konverżjoni ekoloġika," fejn ir-relazzjonijiet ġusti bejn il-membri kollha tas-soċjetà—jiġifieri, kif jingħaqdu flimkien biex jibnu "ċ-ċiviltà tal-imħabba"—jidhru wkoll fir-responsabbiltà sħiħa lejn id-dinja u l-ambjent naturali. Ir-regħba mhux biss taħtaf minn dak li hu ta' ħaddieħor, imma fl-aħħar mill-aħħar tħarbat u tisraq mill-pjaneta stess. **Ir-regħba teqred ir-relazzjonijiet ekonomiċi, soċjali u politiċi. U tispiċċa wkoll biex teqred lill-bnedmin stess** għax qatgħu kull rabta mal-"omm"—l-art, il-baħar, l-arja—li tagħtihom il-ħajja.



Meta jitgħallmu japprezzaw kif kollox hu marbut flimkien—kif l-identità unika ta' poplu tissawwar permezz tar-realtà kulturali u soċjali partikolari li fiha titnissel—il-bnedmin imbagħad isiru verament sensittivi għall-mod kif Alla jiltaqa' magħhom fir-realtà partikolari tagħhom. Bħala Ħallieq, Feddej u Sostenitur - Alla jħeġġiġhom għall-konverżjoni personali biex isiru poplu li jibnu n-nazzjon tagħhom u jikkontribwixxu għall-fejqan tal-ambjent sħiħ.

## L-istorja tal-poplu



L-istorja tal-poplu, magħmula minn ħafna ġenerazzjonijiet li għaddew lil ta' warajhom l-għerf u l-kisbiet li għamlu, imma wkoll id-dgħufija, it-trawmi mhux solvuti u l-ħolm maqtugħ ħesrem tagħhom.

Kull ġenerazzjoni għandha d-dmir mhux biss li tnissel u trabbi 'l uliedha, imma wkoll tikkoreġi l-iżbalji tal-passat, twassal fi tmiemu dak li ma temmewx il-ġenituri tagħhom, u twettaq it-tamiet u l-ħolm tagħhom. L-istorja tiffurmana mhux biss fil-ġisem tagħna—aħna nġorru l-ġenetika ta' dawk li ġew qabilna—imma wkoll issawwar ir-ruħ kollettiva tagħna, aħna u nġorru l-fdalijiet ta' ġrajjiet li ffurmaw il-ħajjiet ta' missirijietna u li jeħtieġ li ngħadduhom lill-ġenerazzjonijiet ta' warajna.

Wara kollox, l-istorja hi l-preżenza tal-mejtin, ta' dawk li ħallewna, fost il-ħajjin, magħna li għadna fiċ-ċans li nbiddlu għada. Fit-tradizzjoni Nisranija tagħna, nitkellmu dwar dawk l-erwieħ li nitolbu għat-tisfija tagħhom sabiex ikunu jistgħu jiltaqgħu ma' Alla wiċċ imb wiċċ; nitkellmu dwar il-qaddisin li nqimu

u li b'umiltà nitolbu l-interċessjoni tagħhom. Fuq kollox, nitkellmu dwar ix-"xirka tal-qaddisin," il-Knisja ħajja, li tqim flimkien mhux biss fl-ispazju, imma wkoll matul iż-żminijiet u fl-eternità.
Li nkunu ankrati fl-istorja tagħna ma jfissirx li nkunu nostalġiċi għall-imgħoddi; imma jfisser li għandna nilqgħu dawn il-ġrajjiet, ngħarblu l-emozzjonijiet tagħhom u nitgħallmu minnhom biex inkunu nistgħu ngħixu flimkien b'responsabbiltà fil-preżent. Meta ninjoraw il-passat jew nippretendu li qatt ma seħħ, insibu ruħna mjassra għax dak li naħarbu milli nagħmluh tagħna xorta waħda jkollu effett inkonxju fuqna, hekk li jispiċċa biex jisirqilna l-libertà.
Din id-dinamika mkien iktar ma tidher daqshekk ċar daqskemm meta nintilfu nippuntaw subgħajna lejn xulxin, inwaddbu l-ġebel lil xulxin u ninqabdu f'ċikli ta' vjolenza u tkissir reċiproku.
**Dawn iċ-ċikli ma jinkisrux jekk ninjoraw id-differenzi, imma billi naffrontawhom flimkien permezz tad-djalogu, il-fejqan u r-rikonċiljazzjoni.**

## Kull Poplu ta' Alla jingħaraf tassew bħala Knisja mill-qima li jagħti

Id-devozzjoni popolari, bħala espressjoni tat-talba spontanja tal-poplu minquxa fil-memorja għax ħierġa mir-realtajiet mgħixa, turina l-aspett l-iktar intimu tar-relazzjoni ma' Alla. It-talb li joħroġ b'mod spontanju u naturali mill-kultura huwa espressjoni għanja ta' kif Alla jiltaqa' mal-poplu, f'mumenti partikolari ta' bżonn fejn il-ġemgħa tesperjenza b'mod qawwi l-ħniena divina fil-vjaġġ ekkleżjali tagħha, li jsaħħaħ il-fidi u t-tama tal-Poplu ta' Alla. Sew jekk tifħir jew krib, sew jekk talba ta' petizzjoni jew ta' radd il-ħajr, l-espressjonijiet popolari tal-fidi, għax huma eku tal-istorja tas-salvazzjoni, jistgħu juru li l-komunità tassew qed tkun Knisja: il-Poplu Qaddis magħżul minn Alla.

Imma meta jkunu maqtugħin mill-memorja ħajja tal-Knisja kollha kif insibuha fl-Iskrittura u t-Tradizzjoni—jiġifieri, meta espressjonijiet popolari lokali jsiru "tradizzjonijiet" battala li jipperpetwaw il-pika jew jaqdu lis-suq iktar milli lil Alla—it-talb tal-Poplu mhux biss jiftaqar, imma l-"ġisem" stess jitfarrak. Meta t-talb u l-liturġija jispiċċaw biss ritwali

Meta t-talb u l-liturġija jispiċċaw biss ritwali vojta, jew meta naħa tirbaħ fuq oħra, u anke meta t-tfittxija għall-pjaċir tieħu post id-devozzjoni, il-Knisja tispiċċa tiċħad lilha nnifisha.

vojta, jew meta naħa tirbaħ fuq oħra, u anke meta t-tfittxija għall-pjaċir tiegħu post id-devozzjoni, il-Knisja tispiċċa tiċħad lilha nnifisha. Għalhekk jeħtieġ li nerġgħu niskopru l-għeruq spiritwali tagħna—il-memorja ta' missirijietna bħala l-"Poplu Qaddis u wieħed ta' Alla."

L-għeruq ekkleżjali tagħna tal-**art, l-istorja u t-talb** ifakkruna li:

- jeħtieġ li nfittxu r-**rikonċiljazzjoni**—li nsewwu t-tiċrit tal-passat, ta' bejnietna, mal-bqija tal-ħolqien u, fuq kollox, ma' Alla;
- ninvestu fil-**formazzjoni** tad-dixxipli kollha msejħa biex iħarsu u jibnu kultura ta' ħajja, bħala x-xhieda ta' Kristu li ta ħajtu għad-dinja;
- bħal Marija, irridu ndawru l-ħarsa tagħna lejn il-Missier biex irroddulu ħajr u **nikkontemplaw** bla heda l-ħniena li wera magħna bħala l-Poplu tiegħu.
- Hekk biss nistgħu nilqgħu l-**missjoni** tagħna bħala l-ġisem ta' Kristu fi gżiritna.





4

# L-attitudnijiet pastorali ta' Kristu f'Għemmaws

Ġesù nnifsu resaq lejhom u baqa' miexi magħhom (Lq 24:15)

U beda minn Mosè u l-Profeti kollha jfissrilhom kulma kien hemm fl-Iskrittura fuqu (Lq 24:27)

Bħalma jiġri lil popli oħra, artna, l-istorja tagħna, il-qima u l-missjoni tagħna huma dejjem mhedda mill-perikli tal-kilba, tal-firda u tal-kburija. Bid-doni tal-fejqan u l-fidwa li jagħtina Kristu, jeħtieġ li nħarsu sewwa lejn dak li qed jhedded it-tessut kulturali tagħna llum u nitħabtu biex nibnu (mill-ġdid) dar u ġrajja waħda, immarkata bix-xewqa għat-traxxendenza.

Bil-ħarsa tagħha msammra fuq Kristu, **l-Imgħallem Veru tagħha**, il-Knisja titgħallem dawk l-attitudnijiet li jagħmlu l-kultura tagħna iktar awtentika u umana.

**Mir-rakkont ta' Għemmaws joħorġu erba' attitudnijiet pastorali li jisfidawna biex nitgħallmu kif inkunu Poplu ta' kontemplazzjoni, rikonċiljazzjoni, formazzjoni u missjoni fi żminijietna.**

## Knisja li tisma'



Il-Papa Franġisku jisħaq fuq l-importanza ta' Knisja li tisma'. L-ewwel u qabel kollox, "jeħtieġ nitrawmu kontinwament fis-smigħ tal-Kelma" (*Evangelii gaudium,* 174) biex tassew insiru l-Ġemgħa Qaddisa ta' Alla.

"Fil-bidu kien il-Verb, u l-Verb kien ma' Alla, u l-Verb kien Alla.
Hu kien fil-bidu ma' Alla.
Kollox bih sar, u xejn ma sar mingħajru;
kulma sar kellu l-ħajja fih, u l-ħajja kienet id-dawl tal-bnedmin.
Id-dawl jiddi fid-dlam, imma d-dlam ma għelbux.
Kien fid-dinja, u d-dinja saret bih, imma d-dinja ma għarfitux.
Ġie f'daru, u niesu ma laqgħuhx.
Imma lil dawk li laqgħuh tahom is-setgħa li jsiru wlied Alla, dawk li jemmnu f'ismu,
li twieldu mhux mid-demm, anqas mill-ġibda tal-ġisem, u anqas mir-rieda tal-bniedem, iżda minn Alla.
U l-Verb sar bniedem u għammar fostna, u aħna rajna l-glorja tiegħu, il-glorja li għandu mill-Missier bħala Ibnu l-waħdieni, mimli bil-grazzja u l-verità.
Għax mill-milja tiegħu aħna lkoll ħadna, grazzja fuq grazzja.
Alla ta l-Liġi permezz ta' Mosè imma l-grazzja u l-verità seħħew permezz ta' Ġesù Kristu.
Lil Alla għadu ħadd ma rah; imma għarrafhulna l-Iben il-waħdieni ta' Alla, li hu fi ħdan il-Missier."
(Ġw 1:1–5,10–14,16–18)

"Is-smigħ" jiftaħna għal dak li Alla jrid jgħid lilna, il-Poplu tiegħu, fl-istorja tas-salvazzjoni. L-ewwel, Hu tkellem "permezz tal-profeti," magħżula u midluka biex ikunu ħabbara tiegħu; imma f'dan l-aħħar żmien, hu bagħat lil ibnu l-waħdieni, il-Verb magħmul bniedem, biex jgħammar fostna. U l-Ispirtu tal-Verità, li għadu fid-dinja, ikompli jagħti xhieda għal Kristu u jfarraġ lill-Knisja tiegħu.

Fl-Iskrittura, nisimgħu l-Kelma ta' Alla li tidwi fl-istorja tad-dinja u fil-qlub ta' dawk li jixtiequ jkunu wlied Alla tassew; għax "jagħrfuh" bħala l-Ħallieq. Jekk ma niqfux naħsbu fuq il-Kelma ta' Alla fl-Iskrittura; jekk ma niġux iffurmati f'xebh ma' Kristu billi nfittxu li niltaqgħu miegħu fl-istejjer konkreti tal-Evanġelju, widnejna jittarrxu, għajnejna jingħalqu u qalbna tibbies għal dik il-grazzja li Alla jixtieq iferra' fina. Mingħajr il-Kelma ħajja ta' Alla, ninxfu u mmutu.

Imma qalbhom kienet taqbad ġewwa fihom meta l-Mulej Irxoxt fetaħ l-Iskrittura lid-dixxipli ta' Għemmaws. L-Iskrittura trattab l-ebusija ta' qalbna, tiftaħna għall-Ieħor u għal dawk li Alla ħabbhom sa mill-bidu.

Meta tiltaqa' mal-Kelma, qalbna tinfetaħ u toħroġ 'il barra minnha nfisha. Li noħolqu spazju għal persuni oħrajn bl-individwalità tagħhom ifisser li nilqgħuhom u nidħlu fiż-żarbun tagħhom, bħalma Kristu Rxoxt mexa mad-dixxipli qalbhom maqtugħa. In-Nisrani, għax hu dixxiplu tal-Verb magħmul bniedem, hu ffurmat biex ikun attent għall-oħrajn u, allura, biex jismagħhom.

"Għandna bżonn nitħarrġu fl-arti tas-smigħ, li hi iktar milli sempliċi tisma' b'widnejk. L-ewwel ħaġa, fil-komunikazzjoni mal-oħrajn, hi l-ħila tal-qalb li tersaq qrib ta' ħaddieħor, li mingħajrha ma teżisti l-ebda laqgħa spiritwali vera. Is-smigħ jgħinna nagħrfu liema hu l-ġest jew il-kelma t-tajba li tħarrikna mill-qagħda trankwilla ta' spettaturi." (*Evangelii gaudium,* 171).

Is-smigħ huwa l-attitudni li biha wieħed jew waħda jpoġġu lilhom infushom b'mod sħiħ għad-dispożizzjoni tal-oħrajn; fejn l-enerġija u l-attenzjoni kollha tiegħu jew tagħha tingħata lill-ieħor jew lill-oħra. Li tisma' jfisser li toħloq spazju fik innifsek fejn il-persuna l-oħra tħossha fiż-żgur, tħossha milqugħa kif inhi u, allura, tħossha maħbuba.

Knisja li tisma' hija Poplu magħqud għax ħoloq spazju komuni fejn ilkoll jistgħu jsiru jafu lil xulxin: "jiena nagħraf in-nagħaġ tiegħi, u n-nagħaġ tiegħi jagħrfu lili, bħalma l-Missier jagħraf lili u jiena nagħraf lill-Missier" (Ġw 10:14b–15a). Imma **l-Knisja li tisma' anke fejn hemm il-firda**—b'mod speċjali ma' dawk li jħossuhom barra l-merħla—twettaq fil-prattika dak li Kristu talab mill-ħbieb tiegħu: "Għandi wkoll nagħaġ oħra, li mhumiex minn dan il-maqjel; lilhom ukoll jeħtieġ li niġbor, u huma jisimgħu leħni, u jkun hemm merħla waħda, ragħaj wieħed" (Ġw 10:16).

Il-bini ta' pontijiet permezz tad-djalogu jibni ġemgħa li titkejjel mhux b'simboli jew sinjali viżibbli ta' appartenenza imma bix-xewqa għal spirtu reċiproku ta' ħbiberija u kollaborazzjoni. **Il-frott ta' attitudni ta' smigħ min-naħa tal-Knisja jikber u jissaħħaħ fit-talb flimkien, li jistedinna għal dixxerniment u kontemplazzjoni iktar profondi.**

## Knisja li tilqa'

Fir-rakkont ta' Għemmaws, Kristu "jiftaħ għajnejn" id-dixxipli hekk kif kienu lesti li joħorġu mill-fosdqa tan-niket tagħhom u jagħrfu lill-"ieħor". Li tilqa' jfisser li ddawwar il-ħarsa tiegħek 'il barra minnek innifsek biex tassew tara lill-ieħor jew oħra kif inhuma—anke jekk l-għarfien tad-differenza jgħinna napprezzaw kemm wara kollox, kollha nixxiebhu u saħansitra aħna l-istess. Dak il-ħin li nieħdu r-riskju li niftħu selħa fis-swar tagħna u noħorġu minna nfusna biex nibnu relazzjonijiet, hemmhekk niskopru min verament aħna. **Il-frott ta' din l-attitudni huwa r-rikonċiljazzoni vera.**

Għalhekk, jikteb il-Papa Franġisku, "il-Knisja trid tkun il-post tal-ħniena mogħtija b'xejn, fejn kulħadd jista' jħossu milqugħ, maħbub, maħfur u mħeġġeġ jgħix skont il-ħajja tajba tal-Evanġelju" (*Evangelii gaudium,* 114).

Poplu li hu lest jilqa' lill-oħrajn isir iktar kunfidenti bid-doni uniċi tiegħu—paradossalment, proprju fil-ġest stess li jaqsam dawn id-doni mal-oħrajn. B'dawn il-ġesti konkreti li jikxfu x-xewqa tagħna li nibnu ħbiberija ma' persuni ta' twemmin differenti, ma' dawk li mhumiex Maltin, u anke ma' ħutna li minħabba l-weġgħat tal-passat, il-piki jew sempliċiment il-fehmiet u l-opinjonijiet differenti tgħallimna ma nafdawhomx, il-Knisja Maltija ssir bħal "ħobż li jinqasam" u hekk tiskopri mill-ġdid is-sejħa oriġinali tagħha kif imfissra f'Atti 28, jiġifieri li taqsam l-Aħbar it-Tajba billi taqdi lil kulħadd, bla ebda distinzjoni.



## Knisja li takkumpanja



Li nkunu poplu "Malti" magħqud bid-differenzi kollha huwa proċess kontinwu li fih nikbru u nkabbru 'l xulxin ukoll jekk dan iġib miegħu tbatija. In-natura dejjem tfittex il-bilanċ—anke meta dan il-bilanċ jimplika li jiġi pperpetwat ħażen sistematiku u strutturi li ma jiffunzjonawx, li jikkontrollaw iċ-ċikli ta' vjolenza iktar milli jsolvuhom. **Il-fejqan ta' preġudizzji b'għeruq qodma—sabiex "strutturi ta' dnub" isiru "strutturi ta' grazzja"—jitlob li ngħaddu minn żminijiet diffiċli ta' tisfija.** L-akkumpanjament ifisser li jkollna r-rieda li nbatu flimkien biex ħaddieħor isir aħjar. Ifisser li nkunu lesti li naffrontaw il-burraxka għax nafu li mingħajrha qatt m'aħna ser naslu għall-paċi dejjiema.

Il-Knisja li takkumpanja tgħix mill-ġdid is-sagrifiċċju tas-salib, fejn il-vittma bla ħtija rebaħ fuq il-mewt billi ħalla d-dalma taqa' fuq wiċċ l-art kollha. Kien proprju bl-inżul tiegħu fid-dlamijiet li Bin il-bniedem seta' jeħles lil Adam u lill-umanità kollha minn art l-imwiet. Bħalma jgħid Ġesù stess, "Nar ġejt inqiegħed fuq l-art, u kemm nixtieq li diġà qabad! Iżda hemm magħmudija li biha għandi nitgħammed, u x'diqa għandi sa ma dan iseħħ!" (Lk 12:49–50).

L-akkumpanjament jitlob il-kuraġġ li timxi ma' persuna oħra tul it-triq perikoluża imma meħtieġa li twassal mill-mewt għat-twelid mill-ġdid. Fil-Knisja tal-bidu, dan kien iseħħ fil-katekumenat tal-adulti, fejn il-katekist, megħjun mill-komunità

kollha, kien jimita lil Kristu l-Għalliem billi jakkumpanja l-katekumenu fil-passaġġ tiegħu mill-mewt għalih innifsu għall-qawmien ma' Kristu fil-magħmudija. Din l-esperjenza kienet ukoll tingħex permezz ta' għemejjel komunitarji ta' penitenza u tisfija li influwenzaw ix-xewqa kontinwa tal-Knisja biex tkun iktar safja u qaddisa.

"Il-Knisja jeħtieġ tlaqqa' lill-membri tagħha—saċerdoti, reliġjużi u lajċi—ma' din l-'arti tal-akkumpanjament,' biex ilkoll jitgħallmu dejjem jinżgħu l-qorq quddiem l-art qaddisa tal-persuna l-oħra (ara Eż 3:5). Jeħtieġ li l-mixja tagħna nagħtuha ritmu b'saħħtu li jqegħidha qrib tal-oħrajn, b'ħarsa mimlija rispett u ħniena imma li fl-istess ħin ikollha l-ħila tfejjaq, teħles u tħeġġeġ il-maturità fil-ħajja Nisranija" (*Evangelii gaudium,* 169). Dan hu li l-Knisja hi msejħa toffri lin-nies, b'sensittività u rispett sħiħ. "Bla ma nnaqqsu xejn mill-valur tal-ideal tal-Evanġelju, jeħtieġ nakkumpanjaw bil-ħniena u s-sabar il-passi ta' maturità tal-persuni li huma jibnu jum wara l-ieħor." (*Evangelii gaudium,* 44).

Dan il-passaġġ mis-salib għall-qawmien, mill-mewt għal twelid mill-ġdid, mill-ħajja l-qadima għall-ħajja l-ġdida, bħala Nsara ngħixuh ukoll fil-ħajja tagħna permezz tal-formazzjoni kontinwa u fis-sagramenti, b'mod speċjali l-Ewkaristija, "għajn u quċċata" tal-ħajja Nisranija.

## Knisja li toħroġ

Sal-aħħar taż-żminijiet, il-missjoni tal-Knisja li xxandar l-Aħbar it-Tajba tas-salvazzjoni u tpoġġiha fil-prattika għax tkun lesta li tilqa', tisma' u takkumpanja tibqa' għaddejja. Kif jistqarr il-Papa Franġisku: "Noħlom li nagħmlu għażla missjunarja li kapaċi tibdel kull ħaġa, biex hekk id-drawwiet, l-istili, il-ħinijiet, il-lingwaġġ u kull struttura ekkleżjali jsiru kanal tajjeb għall-evanġelizzazzjoni tad-dinja tal-lum, iktar milli għall-awtopreservazzjoni" (*Evangelii gaudium,* 27).

Il-Knisja Maltija qed tintbagħat għand dawk li donnhom ma jidhrux, dawk li sfaw mormija minn ekonomija teknokratika u l-vanaglorja umana.

Din il-missjoni tieħu lid-dixxipli missjunarji sa truf l-art (Mk 16:15; Atti 1:8): għax hu fil-periferiji minsijin, fil-postijiet tat-tbatija, li Kristu jagħżel l-ewwel biex jiltaqa' mal-bniedem. "L-għażla favur il-foqra" tal-Knisja hija eku tal-missjoni ta' Ġesù: "It-tabib ma jeħtiġuhx dawk li huma f'saħħithom, iżda l-morda. Mhux il-ġusti ġejt insejjaħ, iżda l-midinbin" (Mk 2:17). Għalhekk, kif jinsisti l-Papa Franġisku, hu mill-periferiji li l-Knisja tissaħħaħ u ssir iktar għanja. Il-foqra

huma d-demm u l-ilma tal-Knisja għax il-fidi tagħhom hija l-iktar soda u profonda.

Il-Poplu ta' Alla f'Malta jeħtieġ li jfittex u jersaq qrib tal-periferiji l-ġodda tal-kuntest tagħna. Hija din l-attitudni ta' ħruġ li tgħin lill-Knisja tieħu r-riskju li tmur fil-periferiji jew fl-ambjenti soċjo-kulturali ġodda, li tfittex lil dawk li huma mbiegħda, u li tkun dejjem lesta tħalli "l-kriterju pastorali komdu ta' 'għax dejjem hekk sar'" (*Evangelii gaudium,* 33).

Forsi wkoll il-periferiji tagħna litteralment qed jilħquna fuq xtutna, bħalma għamlu matul l-istorja kollha tagħna. Jew forsi qed jispuntaw fostna, fost il-ġirien tagħna, u li nibqgħu ma nindunawx bihom għax dejjem mgħaġġlin, medhijin infittxu l-għana, l-istatus jew l-aħħar moda u stil ta' ħajja. **Il-Knisja Maltija qed tintbagħat għand dawk li donnhom ma jidhrux, dawk li sfaw mormija minn ekonomija teknokratika u l-vanaglorja umana.**





5

# Il-Poplu ta' Alla f'Malta llum

Dak il-ħin stess qamu u reġgħu lura Ġerusalemm. Hemm sabu lill-Ħdax u lil sħabhom miġbura flimkien (Lq 24:33)

Bħala l-Poplu ta' Alla li jinġabar flimkien biex jintbagħat f'Malta tal-lum, li **joħroġ** ixandar l-Aħbar it-Tajba filwaqt li jfittex li **jilqa'**, **jisma'** u **jakkumpanja** billi jġib ir-**rikonċiljazzjoni**, jikber fid-**dixxipulat** u jinġabar f'attitudni ta' **kontemplazzjoni**, aħna nsiru l-**ġisem wieħed ta' Kristu** li, taħt it-tmexxija tal-Arċisqof, niksbu l-qawwa biex naqdu skont id-doni ta' kull wieħed u waħda minna.

Il-poplu tagħna flimkien għandu **ħames kariżmi ewlenin** x'joffri, skont ir-rwoli differenti tal-membri tiegħu.

## L-Ordni Sagri u s-saċerdozju ta’ dawk li jimmedjaw bejn Alla u l-Poplu

Il-Knisja hi minnha nnifisha sagrament tal-preżenza ta’ Alla fid-dinja. Fil-ħajja sagramentali tagħha hi turi bl-aqwa mod aspetti differenti tal-imħabba ta’ Alla għall-Poplu tiegħu, u turi kif il-Poplu qaddis ta’ Alla, il-Knisja, l-Għarusa tiegħu, ifittex li jwieġeb għal din l-imħabba li l-Missier sawwab fuqu. Din l-imħabba ta’ Alla msawba bil-kotra tidher fl-aqwa tagħha fil-Bniedem-Alla, Kristu, li mhux biss isalva imma huwa x-xbieha tal-Missier magħmula laħam. Ġesù Kristu, il-Ħaruf u l-Qassis il-Kbir, jibqa’ mal-Knisja tiegħu sal-aħħar taż-żmien u l-preżenza ħajja tiegħu tidher fis-saċerdozju tal-Poplu tiegħu u tabilħaqq, sagramentalment, fis-saċerdozju ta’ dawk li għandhom l-Ordni Sagri.

Is-saċerdozju ta’ dawk li rċivew l-Ordni Sagri huwa kruċjali għall-Knisja li, permezz tas-sagramenti, tgħix sinjali reali tal-preżenza ta’ Alla magħna u turi kif dawn huma mxerrda b’mod konkret fid-dinja. Fuq kollox, il-Knisja tiċċelebra l-Ewkaristija bħala “l-għajn u l-quċċata” tal-ħajja Nisranija għax, mhux biss tiġbor flimkien il-Poplu ta’ Alla, imma tagħmlu “ħaġa waħda” bħalma Alla huwa komunjoni Trinitarja. Flimkien mas-sagramenti l-oħra tal-bidu tal-ħajja Nisranija, l-Ewkaristija tibni l-Poplu ta’ Alla f’“ġisem” wieħed, l-istess bħalma s-sagramenti tal-fejqan isaħħu l-Knisja li dejjem tiddependi fuq il-ħniena ta’ Alla, kemm fil-ġisem kif ukoll fir-ruħ. Iż-Żwieġ u l-Ordni Sagri, mill-banda l-oħra, jibnu pont bejn il-Knisja tal-lum u dik ta’ għada, mhux biss għax dawk li jirċevuhom iwiegħdu mħabba li tħalli l-frott u qadi ġeneruż għal ħajjithom kollha, imma wkoll għax isiru sinjal tal-fedeltà dejjiema tal-Poplu.



Xorta waħda, is-sagramenti mhumiex l-unika mod kif il-Knisja turi l-imħabba ta' Alla u tingħabar flimkien fit-talb: ix-xhieda kollha li nagħtu tal-Aħbar it-Tajba, it-talb kollu tagħna, dak li jagħti l-ħajja lill-Knisja, jgħaqqadna flimkien fi Kristu sakemm inkunu tassew miftuħin għall-Ispirtu wieħed li jibnina flimkien f'ġemgħa waħda, qaddisa, kattolika u appostolika.

Il-preżenza saċerdotali fl-espressjoni awtentika tal-fidi tal-Knisja, l-aktar fil-ħajja tagħha tat-talb, tfakkarna fir-rabta kumplimentari li hemm bejn Kristu u l-Għarusa tiegħu, bejn il-missjoni tal-Iben u dik tal-Ispirtu s-Santu, għall-ġid tad-dinja kollha. Għalhekk, din il-preżenza tfittex li ssaffi l-istil tat-tmexxija fil-Knisja, il-lingwaġġ tat-tagħlim tagħha, imma wkoll id-devozzjonijiet tal-Poplu tagħna li ssawru fi żminijiet differenti tal-istorja tagħna. Tfittex li ssostni espressjonijiet ġodda ta' kif tkun il-Knisja-fid-dinja bil-preżenza, il-kliem u t-talb li jinbtu fil-qalb tal-Poplu llum. Tgħaqqad flimkien l-espressjonijiet kollha ta' riflessjoni, profezija u qima, bħalma ħafna vuċijiet jingħaqdu f'kor wieħed u ħafna strumenti f'orkestra waħda, biex tfaħħar lil Alla.

Dan ma jfissirx li d-diversità ssir skop fih innifsu, u lanqas li niggranfaw mat-tradizzjonijiet biex nissodisfaw in-nostalġija tagħna; iż-żbir huwa meħtieġ daqskemm huma meħtieġa l-ilma u d-demel, sabiex is-siġra tagħmel frott tajjeb. U li jmexxu l-Knisja fit-talb, tfisser ukoll li jżommu sħiħ ma' dak li tassew imantnu d-devozzjoni tal-Poplu u mhux sempliċiment ma' dak li hu popolari, jingħoġob jew iżidilhom il-punti.

## Il-kariżma profetika tar-reliġjużi rġiel u nisa, li permezz tal-konsagrazzjoni tal-ħajja tagħhom lil Kristu, jagħtu xhieda għat-tama eskatoloġika

Il-voti tal-faqar, kastità u ubbidjenza, fi stil ta' ħajja ddedikat għat-talb u l-qadi, jissimbolizzaw b'ċarezza liema bħalha kif il-Knisja għandha tħabbar bil-preżenza tagħha s-Saltna mwiegħda fl-aħħar taż-żminijiet. Kull persuna kkonsagrata hi bħal fjamma ta' xemgħa li taqbad b'qawwa u perseveranza fid-dlam. Huma wkoll ifakkru lill-Poplu ta' Alla, imsejjaħ li jgħix fid-dinja, li daru tassew qiegħda "fis-sema."

> Kull kongregazzjoni reliġjuża turi kariżma partikolari li l-*ecclesia* lokali mhux biss wirtet imma wkoll jeħtieġ li tikkultiva fil-preżent.

Kull kongregazzjoni reliġjuża turi kariżma partikolari li l-*ecclesia* lokali mhux biss wirtet imma wkoll jeħtieġ li tikkultiva fil-preżent. Il-Knisja lokali tagħna hi mbierka

b'ħafna ordnijiet reliġjużi tal-irġiel u n-nisa. Il-mod kif dawn jgħixu l-kariżmi differenti b'fedeltà u bi trasparenza, juri lill-Poplu kollu ta' Alla liema huma dawk l-aspetti kruċjali tal-ħidma tal-Knisja lokali li jeħtieġ nikbru fihom għall-ġid ta' kulħadd: il-kontemplazzjoni, it-tagħlim, il-fejqan, id-dixxerniment spiritwali, il-qadi tal-iktar batuti, l-akkumpanjament spiritwali, l-edukazzjoni ta' wliedna.

Il-perseveranza fl-għixien tal-istess kariżmi b'awtentiċità u bi kreattività tul is-sekli, u allura fi sfidi kulturali dejjem jinbidlu, turi lill-Knisja tal-lum kif għandha tinkultura l-Evanġelju mill-ġdid f'Malta.

## Il-varjetà tal-ministeri lajkali fi ħdan il-Knisja

Li nkunu Poplu Qaddis ta' Alla b'missjoni fid-dinja, isserraħ fuq żewġ movimenti kumplimentari, minn barra għal ġewwa (ċentripetu) u minn ġewwa għal barra (ċentrifugu). It-tnejn huma primarjament il-vokazzjoni tal-lajk.



L-ewwel insibu l-ministeru ta' kuljum, u fil-moħbi, tal-ħafna ġenituri Nsara msejħin irawmu "il-knisja tad-dar" li fuqha jippresiedu. Dan il-ministeru hu indispensabbli u, fl-istess ħin, l-iktar wieħed fraġli f'dawn iż-żminijiet ta' sfida. Il-komunità ekkleżjali kollha għandha toffri għajnuna u akkumpanjament reċiproku lill-ġenituri fit-trobbija ta' wliedhom fil-fidi. Il-Knisja hi magħmulha mill-familji, u l-maternità u l-paternità huma l-modi l-iktar fundamentali li bihom nixbhu fl-imħabba—fl-imħabba divina li hi ħniena—il-Paternità u l-Maternità ta' Alla u l-Knisja.

Dan il-ministeru fundamentali jiġi estiż u sostnut minn dawk li jgħinu lill-ġenituri Nsara l-iktar mill-qrib:

- il-ministeru importanti tal-katekisti fil-parroċċi, u tal-għalliema u professjonisti oħra fl-iskejjel Kattoliċi, li l-għan ewlieni tagħhom hu li jrawmu spirtu Nisrani fi wliedna;
- dawk li jaħdmu maż-żgħażagħ u l-familji, diretturi spiritwali, dawk li joffru akkumpanjament pastorali, u oħrajn li jaqdu billi jakkumpanjaw lill-familji fil-fażijiet differenti tal-formazzjoni kontinwa tagħhom.

Dawn il-ministeri jeħtieġ li jissaħħu għax iż-żgħażagħ huma t-tama tal-Knisja; il-ħarriesa tat-tradizzjoni tagħha, imma kuraġġużi biżżejjed li jaddattaw bi flessibbiltà akbar għall-inkulturazzjoni tal-Evanġelju fi żminijietna. B'mod speċjali fir-relazzjoni tagħhom man-nanniet, il-Knisja titwieled mill-ġdid ma' kull ġenerazzjoni, filwaqt li tibqa' fidila għall-*kerygma* tal-Appostli.

Il-missjoni tal-ministri lajċi tinħass b'qawwa wkoll fil-Knisja bis-sehem tagħhom, permezz tal-istess magħmudija tagħhom, fis-saċerdozju ta' Kristu. Ħafna rġiel u nisa, spiss fil-moħbi, jaqdu fil-ħajja tal-parroċċi tagħhom permezz ta' ministeri liturġiċi u ta' talb, b'mod speċjali permezz tal-kariżma partikolari tal-moviment lajkali tagħhom. **Il-movimenti lajkali huma għejun ta' ħajja fil-Knisja li joffru diversità għanja li tilħaq ħafna djar u periferiji, u jfakkru fix-xewqa tal-Insara tal-bidu li kienu jinġabru flimkien biex jaqsmu l-Kelma u jsiru ħbieb fil-Mulej.**

Il-lajċi jaqdu wkoll f'għemejjel ta' karità: permezz tal-ministeri soċjali tal-parroċċi offruti lill-komunità inġenerali kif ukoll permezz tas-servizz professjonali tagħhom fl-istituzzjonijiet tal-Knisja.

Fl-aħħar mill-aħħar, il-ħidma tal-lajċi trid tibqa' orjentata lejn il-missjoni ewlenija tal-Knisja li tagħti xhieda fid-dinja.

## Bħala Nsara fid-dinja

L-Insara ma jinqatgħux mid-dinja permezz ta' lbies jew marki oħra, għax id-dar u l-missjoni tagħhom hi d-dinja stess li huma msejħin iqaddsu bil-ħajja tagħhom. Għalhekk, dak li jiddistingwi lin-Nisrani fid-dinja hu dejjem is-sinjal tal-Aħbar it-Tajba, il-ferħ muri bħala s-sinjal tas-Saltna: il-ħniena bla tarf ta' Alla lejn id-dinja. Bħalma jgħid Karl Rahner SJ, l-Insara fid-dinja jridu jkunu "mistiċi" b'dak kollu li jagħmlu; huma jdaħħlu l-ħniena ta' Alla fl-azzjonijiet kollha tagħhom kull fejn ikunu.

L-Insara huma professjonisti, nies tas-sengħa, ħaddiema, dawk li jieħdu ħsieb djarhom u pensjonanti li, fl-isfera tal-ħajja tagħhom, huma msejħin jaħdmu mhux biss b'passjoni, kreattività u integrità, imma wkoll f'solidarjetà, dejjem attenti għall-ġid tal-oħrajn u jħabirku għall-ġid komuni. Għandhom jgħaqqdu u jħeġġu n-nies fl-għeruq (*grassroots*) u jieħdu sehem fis-soċjetà ċivili, mhux biss misjuqin minn sens ta' ġustizzja

Il-vokazzjoni tan-Nisrani fid-dinja tilħaq il-quċċata tagħha meta jkun lest jew lesta, li jaqdi jew taqdi, lill-"belt" kollha fl-arti tal-politika.




imma, fuq kollox, minn sens ta' tama, fiduċja u mħabba. Is-sejħa tagħhom li jġeddu d-dinja trid tingħex fi spirtu ta' rażan, billi jiċħdu l-kilba għas-suċċess personali jew il-vanaglorja. Trid tingħex b'kuraġġ, billi jkunu reżiljenti quddiem il-kuntrarju ta' kull xorta, imma wkoll billi jpoġġu l-ġid tal-minsijin qabel il-kumdità tal-kotra.

Il-vokazzjoni tan-Nisrani fid-dinja tilħaq il-quċċata tagħha meta jkun lest jew lesta, li jaqdi jew taqdi, lill-"belt" kollha fl-arti tal-politika. Fil-livelli kollha tal-parteċipazzjoni politika, in-Nisrani jrid jersaq biex jiddjaloga, bi kreattività jfittex li jsolvi l-kunflitti għall-ġid ta' kulħadd, u jieħu deċiżjonijiet għaqlija waqt li jżomm quddiem għajnejh l-ikbar ġid.

Fl-aħħar mill-aħħar, l-inkulturazzjoni tal-Evanġelju fil-kuntest Malti tal-lum mhijiex kwistjoni ta' kemm hemm mgħammdin jew nies li jsejħu lilhom infushom Kattoliċi, imma kif flimkien, bħala poplu li jgħammar fuq dil-gżira, ser inkunu sinjal tat-tama tas-Saltna fil-livelli kollha tas-soċjetà tagħna.

## Il-bnedmin kollha ta' rieda tajba li qegħdin ifittxu l-Verità

Il-Knisja mhijiex biss komunità ta' qaddisin: hi wkoll magħmula minn midinbin li jaqgħu fil-mixja tagħhom bħala dixxipli imma li, xorta waħda, jibqgħu jippruvaw. Hi wkoll magħmula minn dawk li jissaraw u allura jistaqsu x'inhi tassew "il-ħajja t-tajba": sakemm jibqgħu fidili u kommessi għat-tfitxija tal-Verità, huma wkoll qed ifittxu li Kristu jiftħilhom għajnejhom.

Il-Knisja tal-bidu rrikonoxxiet dawn it-toroq ta' tfitxija għall-Verità u tar-reġgħa lura fil-merħla permezz tal-Katekumenat u tal-Ordni tal-Penitenti. U f'Malta llum qed nerġgħu niskopru forom ġodda ta' dawn it-toroq: ir-realtà tar-*Rit tal-Bidu tal-Ħajja Nisranija għall-Adulti* qed tikber bil-mod imma b'pass kostanti. Kruċjali wkoll hu l-akkumpanjament ta' dawk li, għal raġunijiet differenti—forsi minħabba weġgħat personali,

diżillużjoni bl-istituzzjoni, jew għax, f'punt jew ieħor tal-ħajja tagħhom, il-fidi tagħhom ġiet imġarrba, jew birdu—jidentifikaw ruħhom bħala "Kattoliċi mhux prattikanti."

Spiss, dawn il-membri, li xi minn daqqiet b'konvinzjoni personali jgħammru lil hinn mill-konfini viżibbli jew ta' "prattika normali" tal-Knisja, huma membri tal-familja tagħna, ħbieb jew kollegi. L-istess relazzjonijiet li jorbtuna magħhom huma sinjali ta' kif l-Ispirtu s-Santu jibqa' jaħdem: mhux biss biex dawk li tbiegħdu jistgħu jerġgħu lura "fiċ-ċentru" għax jerġgħu jibdew jipprattikaw; imma anke biex dawk li jqisu lilhom infushom "fiċ-ċentru" jgħarblu l-awtentiċità tax-xhieda tagħhom, u jħallu lilhom infushom jiġu sfidati, jissaffew bħala dixxipli. Fi kliem San Irinew ta' Lyons, l-isqof tat-tieni seklu li mhux biss żviluppa l-għarfien tal-fidi tagħna imma wkoll kien mexxej ta' Knisja tal-martri:

"Fejn hemm il-Knisja, hemm jinsab l-Ispirtu ta' Alla; **fejn hemm l-Ispirtu ta' Alla, hemm tinsab il-Knisja, u l-grazzja kollha**; imma l-Ispirtu hu verità. Għalhekk, dawk li m'għandhomx sehem minnu, la jitmantnew minn sider ommhom, u lanqas igawdu mill-għajn li tnixxi mill-ġisem ta' Kristu" (Adversus Haereses III.24.1).

Mhijiex ir-rabta mal-istrutturi viżibbli tal-Knisja li minnha nnifisha turi l-awtentiċità tax-xhieda ekkleżjali, imma hija t-trasformazzjoni tal-qalb mill-Ispirtu, ħafna drabi b'modi li ma nifhmuhomx, li tagħmel dan.





6

# L-art fejn qed jintbagħat il-Poplu ta' Alla

Huma wkoll tgħarrfulhom x'kien ġralhom fit-triq, u kif kienu għarfuh fil-qsim tal-ħobż (Lq 24:35)

Nistgħu tassew insiru l-Poplu Qaddis ta' Alla magħqud ħaġa waħda bil-qawwa tad-Difensur (*Parakletos*) u l-Għalliem waħdieni biss jekk inkunu attenti għalfejn l-Ispirtu s-Santu jixtieq iwelled u jżomm ħaj il-"ġisem ta' Kristu" f'nofsna.

Hemm **sitt spazji distinti** fis-soċjetà Maltija tal-lum fejn il-Knisja trid tiddixxerni liema prattiċi ser jagħtu l-aħjar xhieda tar-rikonċiljazzjoni, formazzjoni u kontemplazzjoni ta' Kristu billi fil-konkret tfittex li tilqa', tisma' u takkumpanja.



## Il-Periferiji fejn jgħammru dawk li huma vulnerabbli

L-ispazju privileġġat fejn Kristu jixtieq jiltaqa' mal-magħżulin tiegħu u joffrilhom ħajja ġdida, hu proprju fil-vulnerabbiltà tagħhom, qalb it-tbatija tagħhom. Għalhekk, il-missjoni tad-dixxipli li jagħtu xhieda trid titwettaq l-ewwel u qabel kollox "fl-isptar fil-kamp wara l-battalja" għax hemmhekk hemm l-ikbar xewqa umana għal Alla li jsalva.

Imma f'art fejn naħsbu li nafu kollox fuq kulħadd, mhux dejjem ikun ċar fejn qegħdin il-"periferiji" u dawk li qed ibatu. Il-foqra huma dejjem fostna u nistgħu wkoll nidentifikawhom: immigranti trawmatizzati minn vjaġġi perikolużi; dawk li m'għandhomx saqaf fuq rashom jew jgħixu f'kundizzjonijiet diżumani; nies bi problemi ta' dipendenza jew ta' saħħa fiżika u mentali; l-anzjani u l-familji b'ġenitur wieħed; tfal u żgħażagħ qalbhom maqtugħa dwar il-futur.

Imma kultant lanqas dawn il-kategoriji sterjotipati ta' min huma "l-foqra" ma jkunu biżżejjed għax hemm ukoll tbatija moħbija fejn l-inqas tistennieha. U nistgħu nsiru "għomja" jew "indifferenti" għal dak li drajna naraw: l-anzjani jitħabtu mas-solitudni; dawk li qed jibku t-telfa ta' xi ħadd għażiż għalihom; tfal li qed jiġu traskurati u abbandunati emozzjonalment; il-ġar li qed isofri minn abbuż fuq il-post tax-xogħol; familji maqbuda f'kunflitt matrimonjali; ommijiet waħedhom mingħajr sapport; il-vittmi ta' abbuż domestiku; il-kollega maħkum mill-ansjetà; sħabek li qed jieħdu ħsieb membru marid tal-familja tagħhom.

Ir-responsabbiltà ewlenija tal-Knisja hija li tkun b'għajnejha u widnejha miftuħa għall-krib ġej mill-periferiji. B'hekk nistgħu tassew inkunu attenti u nwieġbu għall-ħtiġijiet ta' dawk fostna li huma miġruħin—hi kemm hi moħbija t-tbatija tagħhom.

## Spazji fejn in-nies jiltaqgħu biex jiddevertu u jinnegozjaw, fejn joħolmu u joħolqu l-futur tagħhom

Ma jistax ikun hemm soċjetà mingħajr dawk l-ispazji fejn in-nies jiltaqgħu biex jistrieħu mix-xogħol tagħhom ta' kuljum; jiddjalogaw dwar interessi komuni; jaqsmu l-ideat; irawmu spirtu kreattiv u intrapreditorjali; jikkollaboraw fi proġetti komuni; u jibnu futur aħjar flimkien. Soċjetà b'saħħitha tista' tiffjorixxi meta kulħadd, b'mod speċjali ż-żgħażagħ u t-tfal—u anke bejn ġenerazzjonijiet differenti—jistgħu joħolmu flimkien, jibnu stejjer flimkien, u jinsġu identità komuni permezz tal-ispirtu kreattiv tagħhom. **F'dawn l-ispazji, l-Ispirtu jixtieq jiżra' ż-żerriegħa li twassal għall-frott fil-ġejjieni.**

Permezz tal-membri kollha tagħha, il-Knisja mhux biss jeħtieġ li tieħu sehem fid-dibattitu pubbliku biex tikkollabora mal-bnedmin kollha ta' rieda tajba; imma għandha wkoll ir-responsabbiltà li tkun hi stess **spazju ta' djalogu fejn kulħadd hu mistieden jiltaqa' u jieħu sehem attiv fil-ħidma politika u ekonomika biex tinbena kultura ta' żvilupp ekoloġiku integrali.**

Permezz tat-tradizzjoni għanja tagħha fejn tidħol ir-riflessjoni dwar il-ġid tal-bniedem, u r-rabta tagħha mal-arti u x-xjenzi naturali u umani, il-Knisja lokali għandha r-responsabbiltà li **tikkultiva kultura ta' ħbiberija fil-kuntest Malti li kulma jmur qed isir iktar imħallat b'razez u twemmin differenti.**

Dan jgħodd b'mod speċjali għaż-żgħażagħ tagħna li, bid-dispożizzjoni naturali tagħhom li jesploraw, li jaħsbu b'modi ġodda, li jesperimentaw, li jkunu iktar ħfief biex joffru l-id tal-ħbiberija u allura malajr jibnu pontijiet fejn il-persuni, mhux biss huma simbolu ta' ħajja ġdida, imma huma wkoll tant meħtieġa għall-bini tal-futur tas-soċjetà.





## L-istituzzjonijiet pubbliċi li jirregolaw il-ħajja tagħna flimkien

Istituzzjonijiet pubbliċi bħall-gvern, il-parlament, il-qrati, il-korpi tal-infurzar tal-liġi u tas-sigurtà nazzjonali, is-soċjetà ċivili, is-sistema tas-saħħa u l-iskejjel, dawn kollha jiffurmaw il-ħajja tagħna flimkien u huma responsabbli għall-ħarsien tal-futur tagħna bħala nazzjon. Dawn l-istituzzjonijiet pubbliċi jeħtieġ li mhux biss jippromwovu l-ġustizzja; jeħtieġ li wkoll jidhru li huma ġusti u qed jaqdu l-ġid komuni. Għandhom ukoll jagħtu s-saħħa lil dawk li huma vulnerabbli u leħen lil dawk li m'għandhomx, sabiex inkunu nistgħu nibnu u nħarsu n-narrattiva komuni ta' dak li jagħmilna poplu wieħed li jfittex li jsawwar ħajtu flimkien fuq din id-daqsxejn ta' gżira msieħba fl-Unjoni Ewropea u fil-komunità ikbar tan-nazzjonijiet.

Dawn l-istituzzjonijiet pubbliċi jeħtieġ li mhux biss jippromwovu l-ġustizzja; jeħtieġ li wkoll jidhru li huma ġusti u qed jaqdu l-ġid komuni.

It-tkabbir sostenibbli tan-nazzjon tagħna jiddependi fuq kemm għandna l-ħila nikkollaboraw fit-tul flimkien u ma' popli oħra flok nitmexxew mill-interessi egotistiċi tagħna tal-mument. **Jeħtieġ li l-istituzzjonijiet kollha tagħna jedukaw favur ir-responsabbiltà ċivili u mhux għall-gratifikazzjoni istantanja; li jrawmu sens ta' kooperazzjoni iktar milli kompetizzjoni; li jfittxu l-konverżjoni ekoloġika li tagħti kas tal-effetti ħolistiċi u reċiproċi tal-azzjonijiet tagħna, iktar milli ninħlew naħsbu biss fuq dak li jinteressana bħalissa.**

## L-ispazji fi ħdan il-Knisja, b'mod partikolari l-parroċċi, il-movimenti lajkali u l-istituzzjonijiet reliġjużi

Imkien mhuwa iktar meħtieġ dan il-proċess daqskemm fl-ispazji fi ħdan il-Knisja stess li jridu jrawmu spirtu tassew Nisrani u jiffurmaw il-preżenza "Kattolika" tagħna fis-soċjetà biex inkunu "melħ tal-art" u "dawl tad-dinja" (Mt 5:13,14). Jekk il-"Poplu ta' Alla" jonqos minn din il-missjoni fundamentali tiegħu li jkun poplu rrikonċiljat u allura xhud tal-istil ta' ħajja li titlob "is-Saltna" flok dak li titlob "id-dinja"; jekk il-melħ tagħna jitlef it-togħma tiegħu, "ma jibqa' tajjeb għal xejn iżjed ħlief biex jintrema barra u jintrifes min-nies" (Mt 5:13).

Il-Knisja, preżenti fis-soċjetà permezz tal-ħafna istituzzjonijiet tagħha, tibqa' "relevanti" daqskemm ix-xhieda istituzzjonali "pubblika" tagħha tkun taqbel ma' dak li jitlob l-Evanġelju—mhux b'legaliżmu riġidu, imma bħala turija ta' ġustizzja li tpoġġi fil-prattika "l-għażla preferenzjali tal-foqra"; u turija ta' ħniena li tazzarda timxi "l-mil l-ieħor" biex tilqa' b'ġenerożità u tjieba lill-barrani u lil min hu l-aktar fil-bżonn.

Permezz tal-istituzzjonijiet tagħha, il-Knisja għandha wkoll ir-responsabbiltà **li tifforma soċjetà li tfittex il-ġid komuni b'mod oġġettiv**—mhux billi timponi l-viżjoni tagħha tat-tajjeb fuq l-oħrajn, imma bil-"ferħ tal-Evanġelju" li minnu nnifsu għandu l-qawwa li jikkonvinċi. Din l-esperjenza ta' ferħ toħroġ l-iktar fl-**espressjoni pubblika tal-fidi tagħna** li, filwaqt li tfakkar fl-għeruq "Kattoliċi" tal-kultura Maltija, fl-istess ħin ma tħalli lil ħadd barra anzi tħeġġeġ lil kulħadd għal għixien iktar profond u flimkien tal-esperjenza umana.



## Spazji domestiċi

Min aħna jidher l-iktar fir-relazzjonijiet l-iktar intimi tagħna. Id-djar tagħna huma l-iskejjel l-iktar fundamentali biex insiru persuni-f'relazzjoni li jistgħu jaslu li jafdaw lil xulxin, jikkollaboraw fi proġett komuni, imma wkoll li jsolvu dawk il-kunflitti li ma jistgħux jiġu evitati, u, fuq kollox, li jaħfru l-ġrieħi u d-diżappunti li jikkawżaw lil xulxin. L-ispazji domestiċi jisfaxxaw jekk il-membri tagħhom ma jipprattikawx ir-rikonċiljazzjoni bħala parti minn dak il-proċess li jrawwem il-ġenerazzjoni li jmiss. Barra minn hekk, **il-maħfra—li hi meħtieġa għall-fejqan personali u komunitarju—hija possibbli biss bil-grazzja ta' Alla. Għalhekk, l-ispazji domestiċi tagħna huma l-kejl tar-reżiljenza tan-nazzjon tagħna u wkoll tal-awtentiċità tax-xhieda li nagħtu bħala "Poplu ta' Alla" li jirrikonċilja, jifforma u jista' jieħu sehem fil-ħniena ta' Alla li ssalva.**

In-natura sagramentali taż-żwieġ li jorbot flimkien żewġ dixxipli, u li fuqu tinbena l-Knisja tad-dar, irid ilaqqamna kontra l-ħafna pressjonijiet li jagħfsu fuq il-ħajja tal-familja u r-relazzjonijiet personali f'Malta llum. Imma anke ż-żwieġ irid jingħex b'mod awtentiku, u biex jirnexxi jeħtieġ ħafna sapport mill-Knisja u l-istrutturi tagħha. **Wara kollox, il-familji Nsara huma, biex ngħidu hekk, l-iskeletru li bis-saħħa tiegħu jżomm il-ġisem kollu tal-*ecclesia*.** Il-kriżijiet ta' mħabba fil-ħajja tal-familja mhumiex biss esperjenzi li jkissruna imma jridu jkunu wkoll dak li jiffurmana biex inkunu "Poplu ta' Alla" msoffi, tassew kapaċi li jħobb "fir-riżq tajjeb u l-ħażin, fil-mard u fis-saħħa" hu u jimxi lejn it-Tieni Miġja.





## L-ispazju "awmentat" b'mod diġitali

Kull spazju "fiżiku" ("offline") imfisser hawn fuq, hu wkoll estiż "online" permezz tax-xibka ta' parteċipazzjoni umana "medjata" (jiġifieri, permezz tat-teknoloġija jew media) li hi l-internet. Din hi "d-dinja l-ġdida" li tikber u tespandi mid-dinja materjali li konna nafu. Hija realtà li tixbah għanqbuta (web-like reality), li tqabbad flimkien, wieħed ma' waħda, u tqarreb lil kulħadd jinsab fejn jinsab,[4] fejn il-mudelli ta' relazzjonijiet soċjali li konna mdorrijin bihom—ġerarkija, awtorità, burokrazija—jċedu posthom għal modi ġodda ta' interazzjoni, modi ġodda ta' kollaborazzjoni, espressjonijiet ġodda ta' kif inkunu bnedmin. Dan l-ambjent ġdid—fejn il-personalitajiet tagħna u dak li noħolqu aħna jsiru kobba waħda—mhux biss iwassal sat-truf tad-dinja għax m'għandux fruntieri; imma għaldaqstant jitlob li nikkunsidraw mill-ġdid xi tfisser il-partikularità "Maltija" tagħna.

"L-uniku mudell biex nivvalutaw epoka b'suċċess hu li nistaqsu sa liema punt qed tiżviluppa fiha u tasal għar-raġuni vera tagħha l-milja tal-eżistenza umana, fi qbil mal-karattru partikulari u l-possibbiltajiet ta' dik l-istess epoka" (*Evangelii gaudium*, 224, kwotazzjoni minn Romano Guardini).

Din ir-realtà ġdida hija wkoll stedina biex nagħmlu iktar "uman" il-potenzjal u l-possibilitajiet li tkebbes din il-kultura kkaratterizzata min-"network" u intelliġenza artifiċjali (AI). Essenzjalment toffrilna opportunità biex niskopru (mill-ġdid) dawk il-karatteristiċi umani li llum jistgħu u għandhom jiffjorixxu b'mod ġdid.

---

4 Magħrufa wkoll bħala UCAPP (ubiquitous connectivity and pervasive proximity)

## Il-Knisja Universali għandha titkellem bil-lingwaġġ—u d-doni—ta' kull Poplu biex ħadd ma jitħalla barra, u kull kultura tkun inkluża.

F'dinja fejn kulħadd hu konness u allura, kulħadd huwa qrib ta' xulxin u ħadd ma jista' jkun barrani, żgur li qed niġu mistiedna ngħixu esperjenzi ta' ħbiberija awtentika, fi ftuħ għad-djalogu, u ninsġu lingwaġġ iktar universali ta' solidarjetà umana u ħbiberija.

Iktar ma jgħaddi ż-żmien, iktar l-ispazji soċjali fejn in-nies jiltaqgħu biex jitkellmu, jaqsmu perspettivi, ideat u ħolm għal ġejjieni aħjar qed isiru "spazji awmentati" fejn l-isfera diġitali testendi l-ħajja soċjali, ekonomika u politika tagħna. Il-postijiet fejn inqattgħu l-ħin tagħna, fejn ninġabru biex inzekzku, niċċajtaw, naqsmu l-aħbarijiet, nieħdu parir, niddevertu jew għall-kumpanija … saru l-ispazju fejn aħna niġu sempliċiment mistiedna "nkunu komunità."

Dan ma jfissirx li niċħdu l-għana tan-natura fiżika tagħna bħala bnedmin. Imma qed niġu mistiedna li nistgħaġbu quddiem is-sbuħija ta' kif il-moħħ tagħna—permezz tal-esperjenzi tagħna—qed jiġi estiż, u b'xi mod allura anke l-"ġisem" tagħna jekk aħna aktar "qrib". Permezz ta' screens ta' kull daqs nistgħu nitgħallmu nersqu lejn xulxin u nilħqu dik "il-komunjoni ta' rwieħ" li umanament ilkoll nittamaw u nixtiequ.

Dan il-mod ta' kif "nersqu lejn xulxin" mhuwiex l-istess bħal meta s-soltu nitbissmu lil xulxin, inħarsu f'għajnejn xulxin, jew nieħdu b'idejn xulxin. Anke l-mod ta' kif ninġabru flimkien bħala "komunità li titlob" qed jiġi interpretat mill-ġdid "skont il-karattru partikolari u l-kapaċitajiet tal-epoka".

Imma dak li qed niskopru huwa "lingwaġġ ġdid" ta' tifkiriet u ħsibijiet li qsamna flimkien, frammenti ta' emozzjonijiet, esperjenzi ta' meta ħallejna s-sbuħija tqanqalna … affarijiet li jispirawna, jagħmluna "min aħna", il-"persuni" li jfittxu l-ħbiberija. Huwa lingwaġġ fejn dak li hemm f'moħħna u f'ruħna jitfisser b'simboli, bħala sensazzjonijiet mistura, li nippruvaw ngħaqqdu flimkien f'narrattiva waħda biex nagħmlu sens b'mod kollettiv ta' din "id-dinja ġdida".

Minkejja dan, din l-estensjoni tal-personalità tagħna fid-dinja diġitali tpoġġilna sfidi ġodda: il-"paradigma teknokratika dominanti" timxi mal-loġika tal-utilità, hekk li tirriduċi l-persuni għal informazzjoni, u allura għal opportunitajiet ta' manipulazzjoni u gwadann. Għalhekk, il-media soċjali mmexxija mill-loġika tal-massimizzazzjoni tal-profitti u tal-bejgħ tal-"informazzjoni" lil min joffri l-iktar, qed isiru wkoll mezzi biex jiġu ddettati ideoloġiji, valuri relattivizzati, aġendi populisti, hekk li jwasslu biex tiġi llimitata l-libertà tan-nies.

Huwa għalhekk urġenti li nfasslu ħajja "globali" mgħixa flimkien billi nrawmu l-arti tal-ftuħ u tad-djalogu bejn id-differenzi kollha ta' kultura, twemmin u opinjoni filosofika. Fil-media soċjali hemm ukoll riskju kbir fejn il-manipulazzjoni sottili ta' dak li jogħġobna u ma jogħġobniex, tal-opinjonijiet u l-preferenzi, tinfluwenza l-viżjoni tagħna nfusna iktar milli jinfluwenzawna argumenti razzjonali persważivi. Bħalma r-rabtiet immedjati jqanqlu ħafna emozzjonijiet, hekk ukoll din il-prossimità ġdida toħloq kunflitti kollettivi u tribaliżmi ġodda. Barra minn hekk, permezz ta' algoritmi u propaganda mmirata, faċilment nistgħu niġu mmanipulati emozzjonalment biex naqblu ma' aġendi li jmorru kontra r-raġuni u l-ġid komuni. "Komunikazzjoni" ġenwina fi spazji medjati, l-ewwel u qabel kollox, tfisser li neħilsu minn dawk il-ktajjen li jippruvaw "ibigħulna" stili ta' ħajja partikolari, fejn il-ftit privileġġati jiggwadanjaw iktar, billi jirriduċu l-mases għal "numri" li minnhom tista' takkwista l-informazzjoni.

F'din il-ħidma globali biex dan l-ispazju jsir iktar uman, il-Knisja għandha dmir li titkellem b'mod profetiku billi tisħaq fuq il-veritajiet fundamentali li huma meħtieġa għall-iżvilupp tal-bniedem. Barra minn hekk, il-Knisja Universali għandha titkellem bil-lingwaġġ—u d-doni—ta' kull Poplu biex ħadd ma jitħalla barra, u kull kultura tkun inkluża. **Dan jimplika l-inkulturazzjoni tal-Evanġelju f'kull realtà partikolari, sabiex flimkien, fir-relazzjonijiet reċiproċi tagħna f'dan l-ambjent diġitali ġdid, nistgħu naqsmu b'mod awtentiku d-doni li jagħnu l-"komunjoni tal-popli".**



7

# Il-Ġrieħi tal-poplu f'Malta llum

"Kemm intom boloh u tqal biex temmnu kulma qalu l-profeti! U ma kellux il-Messija jbati dan kollu u hekk jidħol fil-glorja tiegħu?" (Lq 24:25-26)

Kristu jixtieq jiltaqa' mal-Poplu tiegħu biex joffrilu l-fidwa u l-ferħ tiegħu. L-imħabba ta' Alla għal kull bniedem m'għandhiex limiti. Il-Missier bagħat lil Ibnu l-waħdieni sabiex kulħadd isalva, u lkoll insiru l-"Poplu Qaddis ta' Alla." Għax il-Missier permezz tal-Iben jibgħat id-Difensur (ara Ġw 14:16–17), kulħadd hu mistieden iduq il-ferħ ta' meta nitwieldu mill-ġdid (ara Ġw3:3) u ta' meta nimtlew bil-qawwa biex inħabirku għat-twaqqif ta' ordni politiku ġdid u tal-Ħolqien il-Ġdid.

Kif naqraw fl-ewwel ittra lil Timotju: "Nitolbok l-ewwel nett li jsiru suppliki, orazzjonijiet, talb u radd il-ħajr għall-bnedmin kollha; għas-slaten, għal dawk kollha li għandhom xi awtorità, biex inkunu nistgħu ngħaddu ħajja fil-kwiet u fis-sliem, fit-tjieba u kif jixraq. **Dan hu tajjeb u jogħġob lil Alla s-Salvatur tagħna, li jrid li l-bnedmin kollha jsalvaw u jaslu biex jagħrfu l-verità.** Għax wieħed hu Alla, u wieħed hu l-medjatur bejn Alla u l-bniedem, il-Bniedem Kristu Ġesù, li ta lilu nnifsu bħala prezz tal-fidwa għal kulħadd; u x-xhieda ta' dan ngħatat f'waqtha." (1 Tim 2:1–6)

Fil-ħeġġa missjunarja tagħha, il-Knisja kollha bħala komunità ta' dixxipli tibda billi tkun attenta għas-sinjali taż-żminijiet u, speċifikament, **għall-ġrieħi fejn Kristu jixtieq joffri l-fejqan tiegħu**.

"Xi kultant inħossu t-tentazzjoni li nkunu Nsara li jżommu distanza prudenti mill-ġrieħi tal-Mulej. Imma Ġesù jrid li mmissu l-miżerja umana, li mmissu l-ġisem sofferenti tal-oħrajn. Hu jistenna minna li ma noqogħdux infittxu dawk l-imkejjen ta' kenn personali jew komunitarju li jżommuna mbegħdin minn fejn tħabbat il-qalb tat-tbatija umana, biex nistgħu naċċettaw tabilħaqq li nidħlu f'kuntatt mal-eżistenza konkreta tal-oħrajn u nagħrfu kemm hi kbira l-qawwa tal-ħlewwa. Meta nagħmlu dan, il-ħajja dejjem tikkumplika ruħha b'mod sabiħ u nkunu ngħixu l-esperjenza qawwija ta' poplu, l-esperjenza li aħna nagħmlu parti minn poplu." (*Evangelii gaudium*, 270)

Alla s-Salvatur tagħna, li jrid li l-bnedmin kollha jsalvaw u jaslu biex jagħrfu l-verità.

Nagħrfu li l-fraġilità tagħna bħala "poplu"—personali, komunitarja u ekoloġika—tixbah lil dik ta' "ġarar tal-fuħħar" imxaqqa. Nagħrfu li aħna mkissrin u bilkemm nistgħu nżommu sħaħ "ħaġa waħda". Imma l-balzmu mqaddes fdat f'idejn il-Knisja—dak id-deheb imdewweb tal-ħniena ta' Alla li għandu l-qawwa jsewwi x-xquq l-iktar fondi—jitlob minnha **li toħroġ**, "li nħallu lil Kristu jiftaħ beraħ il-bibien tagħna biex joħroġ," biex inwasslu l-fejqan. Dak li f'għajnejna jista' jidher biss tifrik—biċċiet imkissra tal-fuħħar tajbin biss għar-rimi—fin-nar jaqbad tal-Ispirtu u permezz ta' ġesti konkreti tal-Knisja li bihom tilqa', tisma' u takkumpanja, jista' jitwieled mill-ġdid għal ħajja ġdida; il-"Poplu Qaddis ta' Alla" li jikber fir-rikonċiljazzjoni, fil-formazzjoni u fit-talb … biex ikun jista' jintbagħat.

Jekk nittraskurawhom, it-tbatijiet tagħna jinżlu iktar fil-fond u jaljenawna iktar anke mill-istess xewqa ta' Alla li jferra' fina mħabbtu. Għalhekk, il-Knisja għandha d-dmir li taġixxi b'mod deċiżiv biex tieħu ħsieb dawk l-iktar miġruħin. Iktar ma l-biċċiet tal-qlub maqsuma u tar-relazzjonijiet miksura tagħna huma mxellfa u ma jaqblux bejniethom, iktar l-Knisja hi msejħa taqdi b'ġenerożità u sabar sabiex l-imħabba ta' Alla tiġi esperjenzata bħal dak id-deheb li jsewwi u jagħti ħajja ġdida, u saħansitra isbaħ.

Hemm **seba' ġrieħi** li l-Knisja fil-missjoni tagħha ta' Evanġelizzazzjoni u Djakonija trid tieħu ħsieb.

## Il-ġrieħi fil-memorja tagħna, personali u kollettiva

Ħadd minna mhu meħlus minn **memorji** ta' vjolenza li ġarrab jew wettaq; ta' weġgħat li huma wisq kbar biex naffaċjawhom jew naċċettawhom; dwejjaq li mhux faċli nagħtuh isem jew infissruh fi kliem. Dawn il-ġrieħi fondi, li spiss inġarrbuhom l-ewwel fit-tfulija, idgħajfuna imma wkoll jimlewna bl-imrar; iferu lil qalbna imma wkoll jimlewna bl-għadab. Jekk ma nirrikonċiljawx ruħna mat-tbatijiet tagħna, dawn it-trawmi mhux solvuti jistgħu jaffettwaw ukoll lil oħrajn madwarna, jinfirxu fil-familji u fil-komunitajiet u l-memorja tagħhom tiċċajpar minn dan in-niket moħbi.

Kristu jixtieq jeħlisna, l-ewwel u qabel kollox, mill-ġrieħi li jżommuna mjassra minn dawn il-memorji li jwaħħxu. Il-Knisja twettaq il-missjoni tagħha li twassal it-tama billi tfittex li teħles mill-jasar tal-passat tagħna sabiex tfejjaq il-ġrieħi tal-qalb li jweġġgħu kemm lill-individwi kif ukoll lill-komunitajiet.

Kif San Ġwanni Pawlu II għallem lill-Knisja u lid-dinja:

"Jibqa' minnu li ma nistgħux nibqgħu priġunieri tal-passat: kemm l-individwi kif ukoll il-popli jeħtieġu xi sura ta' "tisfija tal-memorja", sabiex il-ħażen tal-passat ma jibqax għaddej. Dan ma jfissirx li ninsew dak li ġara, imma li nħarsu lejh b'mod ġdid u nitgħallmu minn dak stess li ġarrabna li l-imħabba biss tista' tibnina, filwaqt li l-mibgħeda ġġib magħha qerda u ħerba. Jeħtieġ li ċ-ċiklu qattiel tat-tpattija jeħodlu postu l-ħelsien tal-maħfra" (Messaġġ għat-30 Jum Dinji tal-Paċi, Jannar 1, 1997).





## Il-ġrieħi fir-relazzjonijiet intimi tagħna

L-ebda bniedem mhu maqtugħ għalih waħdu u n-natura umana tagħna minnha nnifisha timplika x-xewqa li nkunu persuni-f'relazzjoni. Meta nersqu lejn persuni oħra, dan nagħmluh b'min aħna verament fil-qalba tagħna: l-istejjer li nsiġna biex nagħmlu sens mill-ħajja tagħna, u l-ġrajjiet li naqsmu mal-oħrajn biex nifhmu minn fejn ġejjin u x'nixtiequ nkunu. Ir-relazzjonijiet intimi, b'mod speċjali fiż-żwieġ u l-ħbiberiji, ma' wliedna u ħutna, jiffurmawna bħala persuni, familji u komunitajiet żgħar. Meta naqsmu ħajjitna flimkien, aħna nkunu qegħdin nieħdu ħsieb xulxin u r-relazzjoni tagħna ssir opportunità biex ngħinu lil xulxin niżviluppaw.

Imma jekk timplika wkoll vulnerabbiltà, l-intimità mhux biss tiftaħna għat-tama li nkunu maħbubin kif aħna; tpoġġina wkoll f'riskju li jgħaffġu fuqna u jabbużawna. Bħalma m'hemmx relazzjoni tassew intima mingħajr fiduċja, hekk ukoll m'hemmx relazzjoni intima mingħajr ir-riskju tat-tradiment.

Kemm minna jbatu—kultant b'mistħija u fil-moħbi; drabi oħra b'mod pubbliku—mill-ġrieħi ta' żwiġijiet imfarrka, tradimenti mill-ħbieb, kunflitti fil-familja, diżappunti fir-relazzjonijiet, abbuż f'relazzjonijiet fejn waħda mill-partijiet għandha iktar qawwa mill-oħra. Dawn it-tbatijiet jisfidawna biex ninfetħu għall-grazzja tal-maħfra u nikbru minn dawn l-esperjenzi fejn, b'kuraġġ, ma nħalluhomx jiddeterminawna, u għalhekk nerġgħu nagħżlu li ninvestu f'relazzjonijiet ġodda anke jekk dawn jitolbu minna li nkunu vulnerabbli.

Imma dawn il-ġrieħi fondi jistgħu wkoll ifixklu l-proċess

ta’ integrazzjoni personali. Dan hu minnu l-iktar fil-familji. **L-akkumpanjament tal-miżżewġin u l-familji huwa sejħa urġenti għall-Knisja**, b’mod speċjali għax il-Knisja stess ma tistax tikber jew tkun min tassew hi mingħajr ma tkun skola ta’ kif naqsmu ħajjitna u darna flimkien, u kif insiru komunità u familja waħda. **Bit-tajjeb u l-ħażin, dak li nitgħallmu fir-relazzjonijiet l-iktar intimi tagħna jaffetwa kif inġibu ruħna fir-relazzjonijiet tagħna fi ħdan il-Knisja**, sew fil-parroċċi, sew fil-komunitajiet reliġjużi, u sew fil-movimenti lajkali.

## Il-ġrieħi fil-Knisja bħala istituzzjoni li taqdi l-Poplu Qaddis ta’ Alla

Il-Knisja bħala “Poplu ta’ Alla” hi msejħa tkun “komunità ta’ ħbieb” li jterrqu flimkien. **Il-*modus operandi* u l-istrutturi tal-Knisja għandhom jirriflettu din it-tfixxija biex inkunu “poplu f’pellegrinaġġ” flimkien.** Il-Knisja lokali hi miġruħa proprju fejn l-istrutturi, l-istituzzjonijiet u l-proċeduri formali tagħha ma jiffaċilitawx, anzi jikkontradixxu, l-ispirtu ta’ ħbiberija u reċiproċità. Fl-*Ittra lill-Poplu ta’ Alla* (Awwissu 20, 2018), il-Qdusija Tiegħu l-Papa Franġisku identifika tliet ġrieħi fondi fil-Knisja, li huma wkoll tagħna: “abbuż sesswali, abbuż ta’ poter u tal-kuxjenza.” U identifika l-għeruq ta’ dawn il-ġrieħi fil-**klerikaliżmu li jikkaratterizza mod ta’ kif tiffunzjona “l-Knisja istituzzjonali.”** Barra minn hekk, f’Malta, il-ġrieħi tal-klerikaliżmu għandhom il-forom distinti tagħhom li jagħmlu ħafna ħsara minħabba fiċ-ċokon tagħna,



l-istorja politika mqallba tagħna ta' dawn l-aħħar mitt sena, u d-dinamiċi kulturali partikolari tagħna sforz sens ta' vulnerabbiltà eżistenzjali: it-tendenza li ma nafdawx lill-"barrani," il-pika u t-tribaliżmu bl-attitudni ta' aħna-u-huma.

Hu ferm importanti li nagħrfu d-dgħufijiet tagħna, nirrikonoxxu kif ferejna lil xulxin fil-passat u, bħala Nsara, infittxu li nagħtu bidu għal proċess biex nisimgħu lil xulxin, infittxu modi kif nistgħu nsewwu l-kunflitti, u, fuq kollox, nitolbu l-qawwa tal-Ispirtu s-Santu biex naslu li naħfru lil xulxin.

Fl-istess ħin, jeħtieġ li ma noħolqux iktar firdiet fil-ġemgħa meta ma jirnexxilniex inkampaw flimkien, naħdmu flimkien jew saħansitra nitolbu flimkien bħal aħwa. **Għandna bżonn nitgħallmu napprezzaw iktar mhux biss id-doni ta' xulxin, imma wkoll is-sbuħija tas-sejħa partikolari tagħna—is-sejħat distinti tal-kleru, ir-reliġjużi u l-lajċi, imma li kollha għandhom sehem fil-missjoni ta' Kristu bħala Qassis, Profeta u Sultan, u għandhom l-istess orjentazzjoni evanġelika għax-xandir u l-qadi, li naraw fl-Imgħallem tagħna.**

Bħalma Ġesù wissa lid-dixxipli tiegħu meta nqalgħet kwistjoni bejniethom dwar min minnhom kellu jinżamm bħala l-akbar wieħed: "Fost il-pagani s-slaten jaħkmu fuq in-nies, u dawk li jħaddmu s-setgħa fuqhom isejħulhom benefatturi. Intom mhux hekk, **imma l-akbar fostkom għandu jġib ruħu tal-iżgħar wieħed, u min hu fuq l-oħrajn iġib ruħu ta' qaddej**. Għax min hu l-akbar, dak li jkun fuq il-mejda, jew dak li jkun qiegħed jaqdi? Mhux dak li jkun fuq il-mejda? Imma jien qiegħed fostkom nagħmilha ta' qaddej" (Lq 22:25–27).

## Ġrieħi fl-*ecclesia*, il-Poplu Qaddis ta' Alla

Il-Knisja Maltija ma tbatix biss minn ġrieħi istituzzjonali u storiċi. Imma aħna wkoll poplu miġruħ mit-telqa, inħossuna mitlufin u mħawdin, għax nagħtu wisq importanza lill-isforzi fjakki tagħna, u ma nagħtux kas biżżejjed ta' dak li l-Ispirtu s-Santu qed iwettaq fostna.

Nisfaw miġruħa bħala Poplu meta neskludu gruppi partikolari mill-istess ħajja tal-Knisja għax ma nakkumpanjawhomx fit-taħbit tagħhom, imma sempliċiment inwarrbuhom jew nidhru li qed inqaċċtuhom 'il barra permezz ta' kliem li joqtol u jikkundanna flok jagħti l-ħajja permezz tal-ħniena u l-fejqan ta' Kristu.
Forsi m'għadniex nistgħu nitkellmu fuq "Malta Kattolika", imma għandna nkunu grati għax dan l-istess proċess li fih l-"Knisja bħala istituzzjoni" qed tingħata

Il-Papa jistedinna naħsbu fuq il-misteru profond tal-fidi tagħna ta' kif it-tbatija ssalva.

l-ġenb qed joħloq spazju fejn tista' titwieled mill-ġdid il-"Knisja bħala komunjoni vera"; bħal ħmira li tista' ttella' l-għaġna ta' kultura ġdida ta' ħbiberija, fejn ma nibżgħux mid-differenzi reliġjużi u politiċi, imma minflok inħaddnu d-diversità kollha bħala sinjal tal-kreattività u s-sbuħija infinita ta' Alla.

Il-ħeġġa evanġelika tagħna trid titkebbes mill-ġdid billi nħossu li għandna għan komuni, li hu l-Evanġelju nnifsu: mhux in-nostalġija tagħna għal "Knisja" li spiċċat, jew l-entużjażmu għal Knisja skont kif infassluha aħna, imma billi b'umiltà nagħrfu kif l-Ispirtu s-Santu qed jibni l-ġisem ta' Kristu f'Malta.

Il-kliem tal-Papa Franġisku fl-ittra msemmija iktar 'il fuq jurina t-triq tal-fejqan għall-parroċċi, il-komunitajiet reliġjużi u l-movimenti lajkali tagħna, u bħala "Poplu Qaddis ta' Alla" wieħed. **Jistedinna wkoll naħsbu fuq il-misteru profond tal-fidi tagħna ta' kif it-tbatija ssalva—anke l-ansjetà spiritwali tal-Knisja lokali tagħna fi żmien ta' "konfużjoni":**

"'Jekk membru jbati, ibatu l-oħrajn flimkien miegħu,' kien qalilna San Pawl. Permezz ta' atteġġjament ta' talb u ta' penitenza nkunu nistgħu nidħlu f'armonija personali u komunitarja ma' din l-eżortazzjoni, sabiex fostna jitkattru d-doni tal-kompassjoni, tal-ġustizzja, tal-prevenzjoni u tat-tiswija. Marija għarfet tibqa' f'riġlejn is-salib ta' binha. M'għamlitx hekk kif ġie ġie, imma kienet hemm b'mod deċiż, bilwieqfa u ħdejh. B'dil-pożizzjoni tesprimi l-mod kif kienet tkun fil-ħajja.

Meta nħossu n-niket kbir li jqanqlu fina dawn il-pjagi ekkleżjali, jagħmlilna tajjeb li flimkien ma' Marija "ninsistu aktar fit-talb" (ara S. Injazju ta' Loyola, *Eżerċizzi Spiritwali*, par. 319), u nagħmlu ħilitna biex nikbru fl-imħabba u fil-fedeltà lejn il-Knisja. Hi, l-ewwel dixxiplu, tgħallem lilna lkoll dixxipli kif għandna nġibu ruħna quddiem is-sofferenza tal-innoċenti, mingħajr ħarba u bla ma nkunu beżżiegħa. Li nħarsu lejn Marija jfisser li nitgħallmu niskopru fejn għandu jkun u kif għandu jġib ruħu d-dixxiplu ta' Kristu."





## Ġrieħi fit-tessut soċjali tagħna

Kull soċjetà hi profondament miġruħa u tagħna mhijiex eċċezzjoni. Anzi, nitqarrqu jekk nippretendu li s-soċjetà tagħna qed tiffjorixxi billi nkejlu biss fatturi ekonomiċi jew soċjali imma ninjoraw indikaturi oħra tal-ġid. U iktar perikolużi huma l-kontradizzjonijiet u l-inkonsistenzi li naċċettawhom bħala normali, meta ngħidu li nħaddnu etika favur il-ħajja jew l-inklużjoni soċjali, jew tal-libertà tal-espressjoni u d-demokrazija, imma mbagħad il-fatti jitkellmu mod ieħor għax l-imġiba tagħna tiċħad b'mod sfaċċat dawn l-ideali.

**Il-qtil ta' ġurnalista li ħasad lil kulħadd u l-omiċidju kiesaħ u biered ta' immigrant; il-mod kif ħafna nies iqisu normali ċerti prattiċi "kollettivi" bħall-evażjoni tat-taxxa, it-tixħim u l-omertà, jew kif b'mod mill-iktar naturali nibnu r-rabtiet soċjali tagħna permezz tal-"ħbieb tal-ħbieb", l-unur, "familiżmu amorali," il-pjaċiri u l-idea li l-ewwel nieħdu ħsieb dak li hu tagħna qabel ir-responsabbiltà soċjali ... dan kollu juri li hemm qabża bejn ir-realtà kif inhi u l-ispirtu Kattoliku msejjes fuq il-ġid komuni, is-solidarjetà, l-għażla preferenzjali favur il-foqra, jew saħansitra dak is-sens ċiviku bażiku fejn "is-sħiħ" (il-ġid tal-*polis* fl-interess ta' kulħadd) hu tassew ikbar mill-ġabra tal-partijiet flimkien (jew l-interessi individwali tagħna).**

Dan qed jiġri mhux għax "il-Knisja" bħala ġerarkija mhijiex titkellem fuq affarijiet marbutin mal-ġid komuni, imma għax aħna stess bħala l-Poplu

ta' Alla, fir-relazzjonijiet soċjali tagħna, qed nonqsu milli nagħtu xhieda għall-Evanġelju tal-ħajja, kemm bil-mod kif nikkomunikaw, imma wkoll bl-istess ħajja li ngħixu.

Anke jekk "il-Knisja"—b'mod speċjali l-istituzzjonijiet tagħha—ifittxu li jkunu dawl fil-proċess politiku u ekonomiku tagħna, "il-Knisja" fid-dinja—il-ħajja tagħna fis-soċjetà, fuq il-media soċjali, fuq il-post tax-xogħol, fi djarna u fil-ħajja personali tagħna—hi msejħa biex b'urġenza tagħti xhieda ta' kif "is-Saltna ta' Alla" tinkarna ruħha permezz tal-għażliet konkreti tagħna li nilqgħu lill-barrani, nakkumpanjaw lil dawk li huma vulnerabbli fil-ħtiġijiet kollha tagħhom, u nisimgħu dwar kif il-preġudizzji tagħna jferu lill-istess ħajja tagħna flimkien. Il-konverżjoni soċjali u politika trid tibda minna stess billi nħallu lilna nfusna niddakkru mit-tagħlim soċjali tal-Knisja li jisfida lil kull wieħed u waħda minna, personalment u bħala komunità, biex inkunu Knisja għal u mill-periferiji, billi nfittxu l-ġustizzja tagħhom qabel l-għana tagħna, il-ġid tagħhom qabel il-kumdità tagħna.

## L-ambjent miġruħ li ngħixu fih

Il-ġrieħi fit-tessut soċjali tagħna jidhru wkoll b'mod ċar fit-tħarbit ta' artna għall-gwadann ekonomiku; fl-arja mniġġsa tagħna; fil-ġenn fit-toroq tagħna u madwarna, li jagħmilha diffiċli nduqu mill-ġdid dik is-serenità li fil-passat konna nassoċjaw mal-eleganza moħbija tal-irħula tagħna jew mas-sbuħija tal-pajsaġġ naturali tagħna. Qed ngħixu f'ambjent fejn il-kruha qed ittaqqal lil ruħna u l-ħajja tagħna ta' kuljum.

Dawn il-ġrieħi fis-sensi u fis-saħħa fiżika tagħna jsiru iktar gravi meta fl-istil ta' ħajja li qegħdin ngħixu "ma jkunx hemm ħin biżżejjed" għal dak li tassew jiswa. Bħal donnu l-istess pajsaġġ tagħna hu mmarkat mit-teknokrazija li tissikka fuqna bħall-morsa biex iġġagħalna nikkonformaw mal-loġika tagħha li tneżżagħna mill-umanità tagħna. Minflok ma l-bniedem jieħu ħsieb l-art fi spirtu ta' responsabbiltà reċiproka, il-bniedem ikisser u



jeqred, sakemm l-istess pajsaġġ jirribella u jpattihielna.

Din hija l-karba tal-enċiklika ekoloġika *Laudato si’,* 106-110 li tfakkarna li “l-paradigma teknokratika dominanti” ġabet ħerba mhux biss fl-ambjent tagħna, imma wkoll fl-istrutturi politiċi u soċjali tagħna, u, saħansitra, fuq l-istess ideal tagħna ta’ ħajja tajba. Bid-delużjoni li ninsabu mixjin fit-“triq tal-progress”, qed ninqabdu minflok f’ċirku vizzjuż li qed jeqridna bil-mod il-mod.

U lanqas ma neħilsu minn din l-ansjetà fl-“ambjenti alternattivi” li ħloqna bit-tentazzjoni li “naħarbu.” Il-kuntest diġitali—dik ir-realtà awmentata li fiha kulma jmur qed inqattgħu iktar mill-ħin tagħna, anke l-ħin biex “nissoċjalizzaw”—hu wkoll immarkat mill-istess estetika ta’ esaġerazzjoni; etika ggwidata minn “kif nidhru”, fejn l-“immaġni” tiegħu post ir-realtà, u l-mod kif nippreżentaw ruħna jieħu post l-awtentiċità. F’dal-kuntest, dan il-“bżonn” li nimpressjonaw u li tgħaddi tagħna—flok id-djalogu u l-konverżazzjoni—qed jimmarkaw xi minn daqqiet anke l-preżenza tagħna bħala “Knisja”. Hu ta’ skandlu meta dak li suppost bħala Knisja msejħin li nkunu xhieda tiegħu—Knisja li tisma’, li tilqa’, li takkumpanja u li toħroġ—jissarraf f’oppożizzjoni, fil-bini ta’ ħitan, f’attitudni li tfittex li tbaxxi lill-ieħor, u meta ningħalqu fiċ-ċertezzi tagħna u mal-ftit li huma bħalna.

Irridu nibdew inwieġbu għas-sejħa li nieħdu ħsieb il-ħolqien bid-deċiżjonijiet iż-żgħar tal-ħajja ta’ kuljum li nieħdu bħala persuni u fil-komunitajiet tagħna. **Bħala Knisja f’din il-gżira ċkejkna tagħna, għandna tama li nistgħu nkunu preżenti fis-soċjetà kollha; li nistgħu nieħdu passi konkreti biex inreġġgħu lura ċ-ċiklu ta’ qerda ekoloġika u kulturali—offline u online—u niżirgħu mill-ġdid il-barka tal-bidu tal-ħolqien.** Kemm aħna lesti nxandru l-Evanġelju tal-ħajja fejn l-iktar meħtieġ—u aħna stess nikkonformaw miegħu?

## L-ispirtu miġruħ tagħna: ir-ruħ personali u kollettiva maqtugħa minn Alla

Fl-aħħar mill-aħħar, il-kawża tal-ġrieħi tagħna hija d-dnub—dik il-kburija li taqtagħna minn Alla nnifsu, il-Ħallieq, Feddej u Sostenitur tagħna. Meta nġibu ruħna daqslikieku Alla ma jeżistix; meta, bħala Knisja, nifirdu l-ħajja “spiritwali” tagħna mill-ħsibijiet tal-ħajja fid-“dinja”, aħna nferu l-ispirtu tagħna li min-natura tiegħu jfittex dak li hu traxxendentali u li jqim lill-Missier. Meta d-dnub tagħna jinfiltra f’kull aspett tal-eżistenza tagħna, jidrob ukoll ix-xewqa tagħna għal Alla u l-qima tagħna titlef il-vivaċità u l-awtentiċità tagħha.

Din hi t-traġedja tal-ġrieħi fl-esperjenza tagħna tat-talb flimkien u personali. It-talb li jsir id-dar, bħala familja miġbura flimkien, jgħaddi esperjenzi ta’ devozzjoni u jrawwem fid-dixxiplina tal-kontemplazzjoni personali.




Imma meta d-dar ma tibqax spazju ta' talb—jiġifieri, permezz ta' ħin personali u bħala familja ddedikat għal xejn iktar ħlief għat-tifħir ta' Alla—imbagħad lanqas jirnexxilna nitgħallmu "kif nitolbu" u anke t-talb pubbliku u komunitarju tagħna jbati.

Kull reliġjon, fil-kult tagħha, għandha l-obbligu li turi l-qima tagħha lil Alla. It-talb hu att pubbliku, li permezz tiegħu nagħrfu lil Alla bħala dak li jimla r-realtà tagħna, u allura bħala dak li jixraqlu li nqimuh. Għalhekk, il-mod ta' kif, bħala l-Poplu ta' Alla f'Malta, nidhru nitolbu jgħid ħafna fuq l-għarfien tagħna ta' Alla u x-xhieda li nagħtu għall-Evanġelju.

Il-mod li bih niċċelebraw il-kalendarju liturġiku tagħna ta' kull sena huwa wkoll partikolari. Il-quċċata vera tal-fidi tagħna—Żmien l-Għid li jwassal sa Pentekoste—jinħass inqas fl-esperjenza kollettiva tagħna ta' qima. Iktar b'saħħithom u spiritwalment qawwija fi gżiritna huma s-simboli tat-tbatija—id-Duluri u l-Ġimgħa l-Kbira. U iktar ikkuluriti huma ċ-ċelebrazzjonijiet pubbliċi marbutin mal-famużi festi tal-qaddisin patruni.

Bla ebda dubju, il-festi jġibu n-nies flimkien u jgħaqqduhom flimkien fil-memorja kollettiva ta' ċelebrazzjonijiet li jmorru lura għal għexieren ta' snin jew sekli. Din id-dimensjoni tal-festi terġa' tlaqqagħna mal-għejun fondi tat-talb li għandna d-dmir li niftakru fihom, ngħożżuhom u nkompluhom.

Imma meta l-festi reliġjużi tagħna jsiru wirjiet ta' qawwa maqtugħin mill-memorja kollettiva tad-devozzjoni reliġjuża; anke meta l-liturġiji tagħna ta' kuljum u tal-Ħadd ikunu wisq iffukati fuq ir-rubriki u fuq affarijiet sekondarji hekk li iktar isiru jixbhu xi spettaklu; jew meta l-imqades tagħna, monumenti fil-ġebel tad-devozzjoni tal-poplu tagħna, isiru s-simbolu tal-"Knisja" li teħtieġ "l-attenzjoni u l-manutenzjoni" hekk li jieħu post il-ħtiġijiet tal-"komunità ekkleżjali" nnifisha; ikun hemm ir-riskju li noqogħdu nehdew bina nfusna u ninsew li hu l-Ispirtu s-Santu li jibni l-Knisja u hu l-għajn tal-qima u t-talb veri tagħha.

L-imqades, ir-ritwali u ċ-ċelebrazzjonijiet ta' barra m'għandhomx jieħdu post il-ġid spiritwali tal-komunità li jsib l-għeruq tiegħu fil-Kelma ta' Alla, fil-memorja appostolika tal-fidi, u fiċ-ċelebrazzjoni awtentika tal-misteri li tinkarna ruħha f'kultura partikolari. It-tradizzjoni ma tistax issir sempliċi tradizzjonaliżmu; lanqas ma jista' t-talb ma jġibx trasformazzjoni spiritwali li tgħaddina mill-esperjenza tat-tisfija sakemm twassalna għall-għaqda sħiħa ma' Alla.

Spiss, għal dawn il-ġrieħi fit-talb komunitarju u personali tagħna, inwaħħlu fil-proċess mgħaġġel ta' sekularizzazzjoni f'pajjiżna. Imma s-sekularità għandha wkoll il-vantaġġi tagħha, fosthom il-ftuħ għad-drittijiet ta' kulħadd u x-xewqa li ngħixu fil-paċi minkejja d-differenzi. Fil-kultura tagħna, għadna qed nitħabtu biex ngħixu separazzjoni sana bejn Knisja u stat, fejn dak li hu sekulari u dak li hu reliġjuż jistgħu jeżistu flimkien u anke jħallu wisa' għal xulxin biex jiżviluppaw għall-ġid ta' kulħadd. Imma hemm ukoll sinjali pożittivi f'dan ir-rigward.



Għaldaqstant, il-qalba tal-ansjetà spiritwali tista' tkun iktar fil-fond. Hu minnu li s-sekulariżmu, minnu nnifsu, ma jħallix wisa' fil-kuxjenza tan-nies għax-xewqa ta' dak li hu traxxendentali u jfittex b'mod radikali li jpoġġi l-bniedem fiċ-ċentru tar-realtà nnifisha. Imma iktar serju mit-theddida tas-sekulariżmu huwa meta dak li hu "profan" jieħu bixra reliġjuża jew meta s-"sagru" jiġi kkummerċjalizzat. Fil-qalb tagħna, dak li hu tassew reliġjuż jixxekkel minn idolatrija li tipparalizza ruħ il-bniedem. U dan jista' jwassal biex il-"konvinzjonijiet" personali tagħna jieħdu post argument razzjonali; il-"preferenzi personali" tagħna jitgħollew għal "xewqat fundamentali"; u, għall-kuntrarju, dak li hu "traxxendenti" jsir biss kwistjoni ta' "etika" jew sempliċiment "għażla waħda fost ħafna oħrajn."

Hu minħabba f'hekk li l-kunflitti kulturali qegħdin dejjem jikbru, bir-riskju li d-differenzi kbar fit-tifsira li nagħtu lir-realtà jsiru ġerħa fonda fost il-poplu tagħna, għax ma jirnexxilniex nibnu narrattiva komuni "miftuħa" u nibqgħu Poplu maqsum.



8

# Dixxerniment imqanqal mill-Ispirtu

Waqt li kien fuq il-mejda magħhom, qabad il-ħobż, qal il-barka, qasmu u tahulhom. Imbagħad infetħulhom għajnejhom u għarfuh, iżda hu għab minn quddiemhom. (Lq 24:30–31)

Proċess ta' dixxerniment ekkleżjali li jwassal għal tiġdid tal-Knisja f'Malta, hu vjaġġ fejn nimxu flimkien mat-tnebbiħ tal-Ispirtu s-Santu sabiex inkunu "Poplu Qaddis ta' Alla" li jagħti xhieda għall-ferħ li jiġi mill-laqgħa ma' Kristu. Dan jeħtieġ:

- il-**laqgħa personali tagħna ma' Kristu**;
- li, kull wieħed u waħda minna, aħna msejħin biex inkunu "dixxipli missjunarji" permezz tal-**Kelma u l-Qadi**;
- u fl-istess ħin napprezzaw ukoll il-fatt li s-sejħa personali tagħna hija s-sejħa tal-ġemgħa kollha, sejħa li **għexuha qabilna dawk li għammru fi gżiritna tul is-sekli permezz tax-xhieda u l-qima tagħhom**;
- filwaqt li nerġgħu nagħmlu tagħna l-attitudnijiet ekkleżjali tal-kontemplazzjoni, rikonċiljazzjoni, formazzjoni u missjoni billi naħsbu fuq il-pedagoġija ta' Kristu—jiġifieri li **nkunu Knisja li tisma', li tilqa', li takkumpanja u li dejjem tfittex li toħroġ 'il barra** u lil hinn;
- u nsiru iktar konxji tad-**doni differenti** ta' dan il-Poplu wieħed ta' Alla;
- naħsbu fuq il-kultura ta' din **"l-art" li fiha msejħin naqdu**;
- u nirriflettu fuq is-sinjali taż-żminijiet u nagħrfu **l-ġrieħi li Kristu jixtieq ifejjaq...allura d-dmir tal-Knisja hu li taġixxi b'mod deċiżiv**.

Sottomissjoni għal Kristu, is-Sultan tagħna, u għall-Ispirtu s-Santu li tiegħu nixtiequ nwettqu "l-ħidma" u li tiegħu l-Knisja tfittex li tkun medjatur tal-"Ħajja".

Il-Knisja ma taġixxix b'mod teknokratiku, billi tippjana skont ma naħsbu li hu "l-aħjar, l-iktar effiċjenti jew li l-iktar jaqbel," imma bis-sottomissjoni għal Kristu, is-Sultan tagħna, u għall-Ispirtu s-Santu li tiegħu nixtiequ nwettqu "l-ħidma" **u li tiegħu l-Knisja tfittex li tkun medjatur tal-"Ħajja".**

Li nġibu ruħna bħala Knisja, jiġifieri bħala dixxipli ta' Kristu li qed nintbagħtu, jitlob minna li niġġudikaw u niddeċiedu mhux bil-kriterji (preġudikati, għax dejjem immarkati bid-dnub) tagħna, imma **f'sintonija mal**-**Ispirtu ta' Alla** li jgħaqqadna flimkien bħala "l-Poplu Qaddis u Wieħed ta' Alla."

Dan il-proċess, li fih nissottomettu ruħna u nirċievu l-qawwa, insejħulu "dixxerniment." Proċess li hu msejjes fuq il-fiduċja li huwa l-Ispirtu li qed jaħdem permezz tal-Knisja, u għalhekk li l-isforzi kollha tal-Knisja, imwettqa b'xewqa ġenwina għall-awtentiċità, mhuma qatt l-isforzi tagħha, u għaldaqstant żgur ser iħallu l-frott meta jogħġob lil Alla.

Bħalma jgħallem il-Papa Franġisku:

"Biex inżommu ħaj iż-żelu missjunarju hemm bżonn ta' fiduċja sħiħa fl-Ispirtu s-Santu, biex Hu "jgħinna fin-nuqqas ta' ħila tagħna" (Rum 8:26). Imma fiduċja ġeneruża bħal din hemm bżonn tissaħħaħ u għalhekk irridu nsejħulu f'kull ħin. Hu jista' jfejjaqna minn dak kollu li jżommna lura fl-impenn missjunarju tagħna.
"Hu minnu li din il-fidi f'dak li ma jidhirx tista' tqabbadna ftit tal-mejt: dan bħal meta tintefa' f'baħar fejn ma tafx ma' xiex ħa tiltaqa'. Jiena stess din il-ħaġa doqtha kemm-il darba. Minkejja dan, m'hemmx libertà aqwa minn meta nħallu

lill-Ispirtu jeħodna fejn irid Hu, u ma noqogħdux inkejlu jew nikkontrollaw kollox, u nħallu lilu jdawwalna, imexxina, jeħodna fejn jixtieq Hu. Hu jaf tajjeb x'hemm bżonn f'kull żmien u f'kull ħin. Dan ifisser li nkunu misterjożament għammiela!" (*Evangelii gaudium*, 280)

Id-dixxerniment Nisrani ma jinvolvix biss li nħarsu lejn sitwazzjoni b'mod sħiħ, li naqbdu l-karatteristiċi morali ewlenin, jew li niġġudikaw u niddeċiedu dwar l-aħjar triq li għandna naqbdu u naġixxu b'mod responsabbli. Dan kollu jeħtieġ li tagħmlu kull persuna moħħha f'postu—Nisranija u mhix. Id-dixxerniment tan-Nisrani jitlob li naqraw ir-realtà mill-perspettiva ta' Alla u nħallu l-Ispirtu s-Santu jiffurmana biex naħsbu bħalma kien jaħseb Ġesù.

Li naħsbu bħalma kien jaħseb Ġesù u nsiru l-ġisem tiegħu jfisser li nkunu f'sintonija mal-ħidma ħajja tal-Ispirtu s-Santu li tikkuntrasta mas-sinjali tal-mewt li jnixxu l-ispirti ħżiena. **Id-"dixxerniment tal-ispirti" hu għaldaqstant importanti għal kull dixxerniment Nisrani**.

## Dixxerniment personali

Bħad-dixxerniment imsejjes fuq ir-raġuni, id-**dixxerniment Nisrani għandu ħafna dimensjonijiet** li l-ġemgħa jeħtieġ li twettaq b'xewqa għall-awtentiċità:

- bħala Nsara niddixxernu u naġixxu bħala individwi fl-affarijiet privati tagħna. Għal din ir-raġuni, in-Nisrani jrid ikun bniedem axxetiku li jrawwem fih dik id-dixxiplina meħtieġa biex il-ġibdiet tal-ġisem u r-ruħ ikunu fi qbil ma' Kristu;
- bħala Nsara niddixxernu fl-interess ta' dawk li huma fdati f'idejna. Id-dixxerniment



tal-ġenituri f'isem uliedhom huwa eżempju ċar ta' dan; imma, f'kull pożizzjoni ta' awtorità, l-għaqal hu meħtieġ biex tagħraf tassew il-ġid tal-oħrajn. Li tieħu ħsieb ħaddieħor mill-għajnejn ta' Kristu timplika mħabba u ħniena għall-oħrajn u mhux biss sens ta' ġustizzja;

- bħala Nsara niddixxernu wkoll fir-rwoli pubbliċi tagħna, fejn insibu ruħna responsabbli mhux biss ta' nies fdati f'idejna biex nieħdu ħsiebhom, imma wkoll tat-tmexxija ġusta ta' istituzzjonijiet li jaħdmu għall-ġid komuni. Li nkunu konxji tal-ġid li Alla jixtieq mill-istituzzjonijiet tagħna ta' governanza, ekonomija u benessri pubbliku—inkluż tal-Knisja nnifisha bħala istituzzjoni—ifisser li naġixxu b'mod li jirrispetta d-dinjità tal-persuni l-ewwel qabel u kollox;
- bħala Nsara aħna msejħin ukoll niddixxernu għall-ġid tad-dar komuni tagħna. Li nieħdu ħsieb id-dinja jfisser li nuru s-Sbuħija tal-Ħolqien il-Ġdid li l-Ispirtu s-Santu jrid isawwar.

## Dixxerniment komunitarju

Imma, bħala Nsara, niddixxernu wkoll **flimkien bħala Knisja**. Id-dixxerniment komunitarju hu meħtieġ meta, **fil-komunitajiet differenti fejn tinġabar il-Knisja**, infittxu li naqraw is-sinjali taż-żminijiet fid-dawl tal-Evanġelju u naġixxu fi qbil ma' dak li l-Ispirtu s-Santu jitlob minna.



- Fil-Knisja "domestika," jew kull fejn jinġabru l-komunitajiet iż-żgħar. Dawn il-komunitajiet jistgħu jkunu l-familji; il-komunitajiet reliġjużi partikolari marbutin ma' kunvent jew missjoni speċifika; il-komunitajiet żgħar ta' ħbieb li jaqsmu l-istess kariżma;

- Fil-"parroċċi," jew fejn il-ġemgħa tinġabar b'mod sħiħ bħala kleru, lajċi u reliġjużi li flimkien jiddixxernu kif l-Ispirtu qed isejħilhom jaqdu u joħorġu 'l barra fit-territorju partikolari tagħhom. L-istess jgħodd għall-ħidma fl-iskejjel tal-Knisja jew l-istituzzjonijiet l-oħra tal-Arċidjoċesi;

- Fil-"provinċji jew kongregazzjonijiet reliġjużi" jew fil-"movimenti lajkali" fejn, bħala komunitajiet li għandhom kariżma li torbothom mal-Knisja Universali imma wkoll preżenti lokalment, l-ispirtu partikolari ta' qadi li jikkaratterizza kull komunità jrid jinkarna ruħu f'ċirkostanzi lokali partikolari, skont ma jnebbaħhom l-Ispirtu.

- Fl-Arċidjoċesi, nibdew mill-istrutturi tal-Kurja tagħha, imma wkoll **permezz ta' proċess li jiggarantixxi sinodalità vera** sabiex il-Knisja Maltija tkun tassew magħquda ħaġa waħda u flimkien tfittex li tisma', li titlob u li tkun strument f'idejn l-Ispirtu għall-ħidma tiegħu—ikun xi jkun il-prezz li dan jitlob.

Il-Knisja lokali qed tiġi mistiedna tgħaddi minn din il-konverżjoni fil-modus operandi tagħha, fil-mod li bih ser inkunu tassew "melħ" f'artna u "dawl" għall-futur tagħha, billi nsiru **"poplu ta' Alla li jiddixxerni"** u jaġixxi f'ismu, bħal **nagħaġ li jagħrfu l-leħen tar-Ragħaj Veru tagħhom** (ara Ġw 10:14).



# Konklużjoni

## Ħarsitna ’l fuq lejn Ommna

Fl-aħħar, indawru l-ħarsa tagħna fuq Ommna, li dejjem ħarset il-komunità Nisranija f’Malta, nitolbu l-interċessjoni tal-Appostlu, missierna fil-fidi, filwaqt li nżommu f’qalbna l-kliem tal-Papa Franġisku:

“Il-fidi tfisser ukoll nemmnu fih, nemmnu li tassew iħobbna, li hu ħaj, li għandu l-ħila jidħol b’mod misterjuż fil-ħajja tagħna, li ma jitlaqniex waħidna, li, bil-qawwa tiegħu u bil-kreattività bla tarf tiegħu, mill-ħażin jaf joħroġ it-tajjeb. Tfisser nemmnu li hu għadu miexi rebbieħ fl-istorja flimkien ma’ ‘dawk li huma miegħu msejħin u magħżulin u fidili’ (Apok 17:14). Nemmnu fl-Evanġelju li jħabbar li s-Saltna ta’ Alla diġà tinsab fid-dinja, u qed tikber ’l hemm u ’l hawn, b’għadd ta’ modi: bħal dik iż-żerriegħa ċkejkna li kapaċi tinbidel f’siġra kbira (ara Mt 13:31–32), bħal ftit ħmira li tgħolli l-għaġna

kollha (ara Mt 13:33), u bħaż-żerriegħa tajba li tikber f'nofs is-sikrana (ara Mt 13:24–30) u dejjem għandha l-ħila tissorprendina b'mod sabiħ. Hi preżenti, tiġi mill-ġdid, tħabrek biex twarrad mill-ġdid. Il-qawmien ta' Kristu jqabbad ma' kullimkien l-għeruq ta' din id-dinja ġdida; u anki jekk jinqatgħu, jerġgħu jixirfu, għax il-qawmien tal-Mulej diġà daħal fin-nisġa moħbija ta' din l-istorja, għax Ġesù ma qamx għalxejn mill-imwiet. Ejjew ma nibqgħux mal-ġenb ta' din il-mixja tat-tama ħajja!

Billi mhux dejjem naraw dawn l-għeruq, għandna bżonn ta' ċertezza li tiġi minn ġewwa, jiġifieri tal-konvinzjoni li Alla jista' jaġixxi f'kull ċirkostanza, anki qalb dawk li minn barra jidhru fallimenti, għax "dan it-teżor qiegħed għandna f'ġarar tal-fuħħar" (2 Kor 4:7). Din iċ-ċertezza hi dak li jissejjaħ "sens tal-misteru". Tfisser li nafu b'ċertezza li min joffri ruħu u jingħata lil Alla bi mħabba, żgur ser jagħmel il-frott (ara Ġw 15:5). Dan il-frott ħafna drabi ma jidhirx, ma tistax tmissu b'idejk, ma tistax tgħoddu. Wieħed jaf sew li ħajtu ħa tagħti l-frott, imma mingħajr ma jippretendi li jaf kif, jew fejn, jew meta. Għandu ċ-ċertezza li xejn mill-ħidmiet li jwettaq bi mħabba mhu ħa jintilef, xejn mhu ħa jintilef mit-tħassib ġenwin tiegħu għall-oħrajn, xejn mhu ħa jintilef mill-għemejjel ta' mħabba tiegħu lejn Alla, xejn mhu ħa jintilef mill-ħidma ġeneruża, xejn mhu ħa jintilef mis-sabar li mhux nieqes mill-uġigħ. Dan kollu jdur mad-dinja tagħna bħala qawwa li tagħti l-ħajja. Xi kultant jidhrilna li bl-isforzi tagħna ma nkunu ksibna l-ebda riżultat, imma l-missjoni mhix xi ftehim jew biċċa negozju, lanqas hi organizzazzjoni umanitarja, mhix spettaklu biex ngħoddu kemm nies ħadet sehem grazzi għall-propaganda tagħna; hi ħaġa wisq aktar profonda, li ma tista' titkejjel bl-ebda mod. Forsi l-Mulej qed jinqeda bl-impenn tagħna biex ixerred il-barkiet tiegħu fuq xi post ieħor fid-dinja fejn aħna qatt m'aħna ħa nirfsu. L-Ispirtu s-Santu jaħdem kif irid hu, meta jrid u fejn irid; aħna nħabirku b'dedikazzjoni imma mingħajr ma nippretendu li nistgħu naraw riżultati li jagħtu fl-għajn. Nafu biss li hu meħtieġ id-don tagħna nfusna. Nitgħallmu nistrieħu fi ħdan il-ħlewwa ta' dirgħajn il-Missier fl-għotja kreattiva u ġeneruża tagħna. Nimxu 'l quddiem, nidħlu għaliha b'ruħna u ġisimna, imma nħallu lilu jagħmilna għammiela fl-isforzi tagħna kif jidhirlu Hu." (*Evangelii gaudium*, 278–279)



# L-impenn tal-Arċidjoċesi għas-snin 2020-2024

Wara proċess ta' konsultazzjoni wiesgħa, fosthom ma' dawk li ħadu sehem fl-Assemblea Djoċesana tal-2019, u mnebbħa mill-viżjoni mfissra fl-ewwel parti ta' *Knisja Waħda, Vjaġġ Wieħed*, l-Arċidjoċesi ta' Malta qed timpenja ruħha li tagħti bidu għal proċessi li jwasslu biex jissaħħu l-isforzi ta' kull komunità ekkleżjali f'Malta.

L-attenzjoni ser tkun fuq l-erba' dimensjonijiet tal-missjoni fdata lill-Knisja lokali: Knisja li tisma', li tilqa', li takkumpanja, li toħroġ.

Kull waħda minn dawn id-dinamiċi hi meħtieġa biex il-Poplu ta' Alla f'Malta jinkultura l-Evanġelju iktar fil-fond. Madankollu, fuq livell personali u komunitarju, kull sena ser niffukaw fuq "verb" wieħed biex nikbru bħala dixxipli missjunarji.

**Ilkoll mistiedna naħsbu dwar kull waħda mit-tmien taqsimiet tal-proċess, ibda mil-laqgħa tagħna ma' Kristu sa li nitgħallmu niddixxernu bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu.**

- Fl-ewwel xhur ta' dan il-proċess, matul l-2020, ser niffukaw fuq dawn iż-żewġ **pedamenti** li fuqhom jeħtieġ tissejjes il-Knisja f'Malta. Kull entità tal-Knisja trid tgħix dan il-proċess skont il-kariżma partikolari u fil-kuntest speċifiku tagħha.
- Fl-2021 ser niffukaw fuq li nkunu **Knisja li tisma'**... lill-Kelma ta' Alla, lil xulxin, u lir-realtajiet soċjali tagħna.
- Fl-2022 ser niffukaw fuq li nkunu **Knisja li tilqa'** ... u, għax tilqa', tirrikonċilja.
- Fl-2023 ser niffukaw fuq li nkunu **Knisja li takkumpanja** ... u għalhekk issaħħaħ il-formazzjoni Nisranija kontinwa min-nieqa sal-qabar.
- Fl-2024 ser niffukaw fuq li nkunu **Knisja li toħroġ** ... u għaldaqstant issir dawl profetiku iktar awtentiku, imma wkoll melħ moħbi u ħmira li tagħti l-ħajja fi gżiritna.
- Fl-aħħar, fl-**Assemblea Djoċesana tal-2024** infakkru dak li Alla għamel magħna fil-ħniena tiegħu sabiex induqu mit-tjubija tal-grazzji ekkleżjali li rċevejna u nitolbu għal sinjali sabiex nagħrfu fejn Alla qed isejjaħ il-Knisja tiegħu f'Malta biex tkompli tagħti x-xhieda tagħha tal-Aħbar it-Tajba. L-Assemblea Djoċesana tal-2024 tagħti bidu għal proċess fejn "noħorġu" biex inwieġbu għaż-żminijiet.

Mill-2020 sal-2023, l-Assemblea Djoċesana sservi bħala opportunità biex insaħħu s-sens ta' "Knisja Waħda" fi "vjaġġ wieħed" u hekk inġeddu l-impenn tagħna biex inkunu dixxipli missjunarji billi nisimgħu, nilqgħu, nakkumpanjaw u noħorġu.



# Tqegħid tal-Pedamenti

Il-ħarsa kollha mħabba ta' Ġesù li kontinwament iġġeddidna u tistedinna niddixxernu l-preżenza tal-Ispirtu tiegħu

Nipproponu li jiġi ddedikat ħin, riżorsi u taħriġ sabiex, bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu, nidħlu iktar fil-fond tal-ħajja tagħna tat-talb u nrawmu attitudni kontemplattiva. Niftħu qalbna għall-preżenza ta' Kristu u nħalluh iġeddidna, sabiex inkunu ħaġa waħda mal-imħabba tal-Missier. Il-laqgħa tagħna ma' Kristu tittrasformana f'poplu li jiddixxerni: poplu li l-ħsibijiet u l-għemejjel tiegħu jaqblu ma' dawk ta' Ġesù Kristu (Fil 2:5) sabiex il-ħajja personali, professjonali u ekkleżjali tagħna tagħti xhieda tal-ferħ tal-Evanġelju.

Matul l-erba' snin ta' dan il-proċess, l-approċċi pastorali tagħna jridu jkunu orjentati lejn din il-grazzja fundamentali tal-laqgħa ma' Kristu:

## Aħna l-Poplu ta' Alla għax aħna poplu li jitlob

Biex insiru Knisja waħda permezz tal-laqgħa ma' Kristu, irridu nagħtu prijorità lit-talb bil-**Kelma ta' Alla** aħna u nikkontemplaw il-wiċċ ta' Ġesù ta' Nazaret u l-ħarsa tiegħu kollha mħabba fuqna. Dan jgħinna nagħrfuh kull meta jiġi jiltaqa' magħna u hekk insiru persuni li jħarsu lejn l-oħrajn bl-istess ħarsa ta' mħabba. Għalhekk, bħal "kull kittieb li jkun sar dixxiplu tas-Saltna tas-Smewwiet … li, mill-ħażna tiegħu, joħroġ sew il-ġdid u sew il-qadim" (Mt 13:52), aħna nsaħħu l-prattiċi pożittivi, bħalma huma l-Eżerċizzi tar-Randan u l-irtiri, filwaqt li nkunu miftuħa għal inizjattivi ġodda żviluppati minn gruppi u movimenti lajkali, kemm fuq livell parrokkjali kif ukoll fuq livell djoċesan.

Biex insaħħu l-esperjenza ta' talb personali u komunitarju: **il-Bibbja bil-Malti** trid tkun aċċessibbli online, bħala app, u fil-verżjoni stampata. Isir tisħiħ pastorali Bibliku sabiex l-entitajiet tal-Knisja jintegraw il-Kelma fil-ħidma pastorali tagħhom; ikun hemm iktar riżorsi bibliċi diġitali disponibbli; u b'mod partikolari **l-eseġeżi tas-silta ta' Għemmaws** tkun aċċessibbli f'formats differenti.
KOLLABORAZZJONI SUĠĠERITA: l-Arċidjoċesi ta' Malta; il-Vigarjat għall-Evanġelizzazzjoni; l-Għaqda Biblika Maltija.

**Liturġija:** L-aqwa laqgħa ta' Kristu Rxoxt mal-Poplu tiegħu sseħħ fil-Liturġija. L-Isqfijiet, flimkien ma' esperti fil-qasam, għandhom jibdew proċess ta' tisħiħ tal-isforzi li qegħdin isiru biex jiġu tradotti u ppubblikati t-testi liturġiċi.
KOLLABORAZZJONI SUĠĠERITA: l-Isqfijiet; il-Kummissjoni Liturġika Interdjoċesana, il-Kulleġġ tal-Kappillani.

**Adorazzjoni:** nitolbu f'adorazzjoni sabiex inħallu lil Kristu jdaħħalna f'rabta iktar intima mal-Missier, li kollox jibda minnu u fih jintemm (*Gaudete et Exsultate*, 155). Għal dan il-għan, hi meħtieġa l-formazzjoni ta' dawk li janimaw laqgħat ta' adorazzjoni (animaturi liturġiċi/kummissjonijiet liturġiċi fil-parroċċi; saċerdoti).
KOLLABORAZZJONI SUĠĠERITA: il-Forum tal-Għaqdiet u l-Movimenti Kattoliċi tal-Lajċi; il-Kunsill Superjuri Maġġuri tar-Reliġjużi (KSMR) bil-kariżmi rispettivi tagħhom.

**Talb iktar profond:** Irtiri fi żmien l-Avvent u r-Randan għall-impjegati li jaħdmu f'istituzzjonijiet tal-Knisja.
KOLLABORAZZJONI SUĠĠERITA: il-Kunsill Superjuri Maġġuri tar-Reliġjużi (KSMR); il-Forum tal-Għaqdiet u l-Movimenti Kattoliċi tal-Lajċi.

## Aħna l-Poplu ta' Alla li jiddixxerni

Isir taħriġ għas-saċerdoti, membri tal-ordnijiet reliġjużi u lajċi fid-**dixxerniment u direzzjoni spiritwali** b'enfasi fuq tliet aspetti:

- għażliet personali u professjonali;
- akkumpanjament tal-persuni skont is-sitwazzjoni partikolari tagħhom;
- dixxerniment komunitarju fl-istrutturi tal-Knisja.

KOLLABORAZZJONI SUĠĠERITA: l-Isqfijiet f'kollaborazzjoni ma' dawk involuti f'dan il-qasam: eż. il-Ġiżwiti u ċ-Ċentru ta' Spiritwalità Injazjana (ĊIS); il-Vigarjat għall-Kleru u l-Parroċċi; il-Kulleġġ tal-Kappillani.

Isir **tiġdid tal-istrutturi tal-Knisja** biex is-sinodalità u d-dixxerniment ikunu ċentrali fil-ħidma tagħna:

- Kif ser nifhmu bl-aħjar mod ir-rwol ta' "kunsill konsultattiv"?
- X'inhu mitlub minn mexxejja ta' gruppi u kummissjonijiet fil-parroċċa?
- Kif l-istrutturi ekkleżjali qed jirriflettu dak li l-Knisja msejħa li tkun?
- Kif qed jiffaċilitaw il-ħidma tal-komunità kollha skont is-sejħa u l-missjoni tagħha?

KOLLABORAZZJONI SUĠĠERITA: l-Isqfijiet f'kollaborazzjoni ma' dawk involuti.

Nidentifikaw **dak li mhux iħalli frott fil-ħidma** tagħna sabiex inwarrbuh u niġġeddu kif ukoll jingħata **taħriġ fil-kreattività għall-missjoni** sabiex ma nibqgħux nibżgħu nieħdu riskjiu nirbħu l-pessimiżmu u l-prudenza falza.
KOLLABORAZZJONI SUĠĠERITA: kull entità tal-Knisja.

## Aħna l-Poplu ta' Alla f'Malta magħqud mal-Knisja Universali

L-implimentazzjoni fuq livell lokali tal-viżjoni tal-Knisja kif imfissra fil-Maġisteru, b'attenzjoni partikolari għall-Konċilju l-Vatikan II, *Evangelii gaudium*, id-dokumenti tas-Sinodu Djoċesan ta' Malta 1999–2003 u dan l-istess proċess ta' *Knisja Waħda, Vjaġġ Wieħed*.

Iż-Żjara Pastorali tal-Papa Franġisku ġġedded id-determinazzjoni tal-Knisja f'Malta biex tkun l-Poplu ta' Alla li jisma', jilqa', jakkumpanja u joħroġ b'mod speċjali lejn dawk li huma l-aktar vulnerabbli jew imwarrba.
KOLLABORAZZJONI SUĠĠERITA: l-Isqfijiet f'kollaborazzjoni ta' dawk kollha involuti.



# Knisja li tisma': kontemplazzjoni

Ħarsa li toħroġ is-sbuħija fl-oħrajn

## Nisimgħu l-Kelma

Nimpenjaw ruħna li npoġġu l-Kelma ta' Alla fiċ-ċentru tal-għixien tagħna ta' kuljum u tal-attitudni pastorali tagħna.

Impenn partikolari għall-formazzjoni tal-Poplu ta' Alla permezz ta' **metodi differenti ta' talb bl-Iskrittura** bil-għan li kull persuna twieġeb għas-sejħa ta' Alla għal:

- konverżjoni,
- konformazzjoni ma' Kristu ("Aħsbu bħalma kien jaħseb Kristu Ġesù" (Fil 2:5),
- ħeġġa missjunarja: naraw id-dinja mill-għajnejn ta' Kristu.

KOLLABORAZZJONI SUĠĠERITA: id-Dipartiment tal-Iskrittura Mqaddsa (il-Fakultà tat-Teoloġija); il-Forum tal-Għaqdiet u l-Movimenti

Kattoliċi tal-Lajċi; il-Kunsill Superjuri Maġġuri tar-Reliġjużi (KSMR); iċ-Ċentru ta' Spiritwalità Injazjana (ĊIS); l-Għaqda Biblika Maltija.

## Nisimgħu lil xulxin

Inrawmu **sens ta' fiduċja** sabiex nikbru bħala dixxipli missjunarji u jsir smigħ attiv, b'mod speċjali mill-Isqfijiet, li jiffaċilita l-komunikazzjoni u l-għaqda b'mod partikolari mat-tfal u ż-żgħażagħ.
KOLLABORAZZJONI SUĠĠERITA: l-Isqfijiet; il-Kummissjoni Djoċesana Tfal; il-Malta Catholic Youth Network (MCYN).

Nisimgħu lil xulxin sabiex nikbru fil-missjoni waħda tagħna bħala Knisja f'Malta. Il-ħolqien ta' **pjattaforma ta' smigħ reċiproku** fejn rappreżentanti tal-Poplu ta' Alla (ara pass 5) jidentifikaw flimkien:

- l-opportunitajiet u l-isfidi fl-oqsma differenti tal-missjoni tal-Knisja Maltija;
- il-kwalitajiet u l-kariżmi li aħna msejħin naqsmu ma' xulxin;
- modi ġodda ta' kif inwieġbu għal dawn l-isfidi u l-opportunitajiet.

KOLLABORAZZJONI SUĠĠERITA: il-Vigarju Ġenerali flimkien ma' rappreżentanti tal-Kummissjonijiet kollha.

## Nisimgħu b'attenzjoni għar-realtà

**Attitudni kontemplattiva** li twassal għall-qari tas-sinjali taż-żminijiet fil-ħajja ta' kuljum u fis-soċjetà kif ukoll **attitudni ta' smigħ** bla waqfien tar-realtà sabiex nidentifikaw kif u fejn qed nissejħu nkunu dawl, melħ u ħmira fis-soċjetà Maltija.
KOLLABORAZZJONI SUĠĠERITA: l-Isqfijiet; id-DISCERN; il-Kummissjoni Ġustizzja u Paċi; il-Vigarjat għad-Djakonija.

**It-twaqqif ta' Osservatorju tal-Faqar** b'kollaborazzjoni ma' entitajiet oħra li jaħdmu fil-qasam soċjali fis-soċjetà ċivili.
KOLLABORAZZJONI SUĠĠERITA: il-Vigarjat għad-Djakonija b'kollaborazzjoni mad-DISCERN.



# Knisja li tilqa': rikonċiljazzjoni

Ħarsa li tfittex ... li tikkomunika l-ħniena

## Nilqgħu lil xulxin

**L-Arti tad-Djalogu**: infittxu li nidħlu fi djalogu sinċier bħala knisja waħda ma' xulxin biex **intejbu s-servizz** li noffru bħala parti mill-missjoni li l-Mulej fdalna. Nipprattikaw l-arti tad-djalogu u r-rispett reċiproku ma' dawk kollha fis-soċjetà ta' **fehmiet differenti.**

KOLLABORAZZJONI SUĠĠERITA:
l-Isqfijiet f'kollaborazzjoni ma' kull entità tal-Knisja, inkluż għaqdiet u movimenti sekulari, kif ukoll dawk li jħaddnu twemmin differenti.

## Rikonċiljazzjoni

Imsaħħin bil-qawwa ta' Kristu Rxoxt, ma nibżgħux mill-ġrieħi u nitolbu għall-maħfra u l-fejqan. Barra minn hekk **nitgħallmu dwar l-istorja tagħna** sabiex inkunu nistgħu naffrontaw l-iskandli tal-firda u l-abbuż. Permezz tad-djalogu, fuq livelli differenti, infittxu l-verità u l-ġustizzja li jwasslu għar-rikonċiljazzjoni. Nidentifikaw ukoll **kappelli li jistgħu jservu għar-rikonċiljazzjoni** u fihom ikun hemm persuni kompetenti li jagħtu dan is-servizz.
KOLLABORAZZJONI SUĠĠERITA: titwaqqaf kummissjoni apposta, possibbilment b'kollaborazzjoni mas-Safeguarding Commission; il-Kummissjoni Ġustizzja u Paċi; il-Vigarjat għall-Evanġelizzazzjoni; il-Vigarjat għall-Kleru u l-Parroċċi; is-Segretarjat għal-Lajċi.

**Safeguarding:** il-pubblikazzjoni u l-implimentazzjoni ta' politika ġdida ta' safeguarding biex il-Knisja tkun post iktar sigur għat-tfal u l-adulti vulnerabbli.
KOLLABORAZZJONI SUĠĠERITA: is-Safeguarding Commission.

## Integrazzjoni f'komunità waħda

Nidentifikaw dawk l-attitudnijiet u l-inizjattivi meħtieġa sabiex kull persuna tkun tista' tikber fil-fidi u tagħti kontribut fil-Knisja.

**Faqar:** ikkonfrontati bir-realtajiet il-ġodda li joħorġu mill-Osservatorju tal-Faqar, bħala Knisja se nirriflettu fuq kif se nwieġbu għalihom permezz tas-servizzi li noffru.
KOLLABORAZZJONI SUĠĠERITA: il-Vigarjat għad-Djakonija.

**Nilqgħu persuni ġejjin minn pajjiżi oħra:** apprezzament tad-doni ta' din ir-realtà; suġġerimenti għal integrazzjoni aħjar; aktar taħriġ biex ngħixu f'ambjent pluralistiku; ħolqien ta' proġetti biex titħeġġeġ il-ħbiberija u d-djalogu; proposti dwar integrazzjoni aħjar ta' persuni bi twemmin differenti; u bit-tisħiħ tal-ħidma pastorali li diġà qed issir ma' dawk li qed ifittxu l-ażil u l-immigranti, jiġu indirizzati l-kawżi tax-xenofobija, it-traffikar ta' bnedmin u l-isfruttament.
KOLLABORAZZJONI SUĠĠERITA: il-Kummissjoni għad-Djalogu Inter-Reliġjuż; il-Kummissjoni Migranti; il-Kummissjoni Ekumenika; il-Kummissjoni Ġustizzja u Paċi; il-Vigarjat għall-Evanġelizzazzjoni speċjalment is-settur tal-iskejjel.

**Persuni vulnerabbli:** jitressqu proposti dwar kif persuni b'diżabbiltà, persuni bi problemi ta' saħħa jew ta' saħħa mentali, u anzjani jkunu integrati aħjar fil-komunità.
KOLLABORAZZJONI SUĠĠERITA: titwaqqaf kummissjoni apposta; il-Vigarjat għad-Djakonija; il-Kummissjoni Ġustizzja u Paċi.



# Knisja li takkumpanja: formazzjoni

Ħarsa li tilqa' u tiltaqa' mal-oħrajn

## Tisħiħ tal-ħidma pastorali fil-parroċċi

Proċess ta' evalwazzjoni biex:

- nagħtu kas tar-realtà biex titwessa' d-**disponibbiltà missjunarja** ta' kull membru tal-Knisja;
- jiġu **identifikati l-ostakli** li qed itellfu lill-kappillani u s-saċerdoti milli jagħtu prijorità lill-Evanġelizzazzjoni u d-Djakonija.
- tiġi studjata r-relazzjoni bejn in-numri tal-quddies, tas-saċerdoti u tal-operaturi pastorali sabiex ir-**riżorsi umani jitqassmu aħjar** u jkunu jistgħu jintlaħqu l-prijoritajiet.
- tingħata għajnuna lis-saċerdoti biex jiżviluppaw **ritmu tajjeb**

**ta' talb u kontemplazzjoni** sabiex isaħħu l-ħeġġa pastorali tagħhom.
KOLLABORAZZJONI SUĠĠERITA: il-Vigarjat għall-Kleru u l-Parroċċi; il-Kulleġġ tal-Kappillani.

Studju li jiddetermina t-**taħriġ li jeħtieġu l-operaturi pastorali**, inkluż oqsma ġodda tal-ħidma pastorali tal-parroċċi, bħal fil-katekeżi tal-adulti, fid-djakonija, eċċ.
KOLLABORAZZJONI SUĠĠERITA: l-Istitut ta' Formazzjoni Pastorali; il-Vigarjat għall-Kleru u l-Parroċċi, u entitajiet oħra skont il-ħidma identifikata.

## Formazzjoni ta' dawk imsejħa għall-qadi

L-implikazzjonijiet tal-Proċess ta' Tiġdid Ekkleżjali fuq il-livell ta' formazzjoni: il-viżjoni tal-Knisja u l-proċess formattiv; il-**formazzjoni meħtieġa għal operaturi differenti** biex il-proposti jiġu implimentati.
KOLLABORAZZJONI SUĠĠERITA: il-Fakultà tat-Teoloġija; is-Seminarju tal-Arċisqof; l-Istitut ta' Formazzjoni Pastorali.

**Akkumpanjament tal-professjonisti li jaħdmu fil-qasam edukattiv**, b'mod partikulari fis-sejħa tagħhom biex jaħdmu f'ambjent imħallat li jinkludi nies ta' twemmin differenti, u bżonnijiet differenti.
KOLLABORAZZJONI SUĠĠERITA: l-Ispiritual Development in Schools; is-Segretarjat għall-Edukazzjoni Kattolika.

**Akkumpanjament tas-saċerdoti**: id-Dar tal-Kleru, waqt li ssaħħaħ is-servizz professjonali li ġa qed tagħti lis-saċerdoti li qegħdin fl-aħħar stadju tal-ministeru u l-ħajja tagħhom, għandha tibda toffri wkoll **għajnuna lis-saċerdoti fis-snin tal-ministeru attiv tagħhom**.
KOLLABORAZZJONI SUĠĠERITA: il-Vigarjat għall-Kleru u l-Parroċċi; il-Kulleġġ tal-Kappillani.

## Il-formazzjoni tad-dixxipli

Inizjattiva konġunta bejn dawk kollha involuti fil-qasam tal-formazzjoni u l-katekeżi sabiex jiġi evalwat kif il-bidliet fil-kultura jitolbu inizjattivi u **proposti ġodda għall-katekeżi** marbuta mas-sagramenti tal-bidu tal-ħajja Nisranija u l-integrazzjoni tal-fidi fil-ħajja, min-nieqa sal-qabar.
KOLLABORAZZJONI SUĠĠERITA: il-Vigarjat għall-Evanġelizzazzjoni; is-Segretarjat għall-Katekeżi; it-Technology Development Unit fl-Arċidjoċesi ta' Malta.

**Jissaħħaħ l-akkumpanjament tal-familji.**
KOLLABORAZZJONI SUĠĠERITA: il-Moviment ta' Kana; il-grupp Belong.

Il-ħolqien jew it-tisħiħ taċ-**chaplaincies** (skejjel, sptarijiet, djar tal-anzjani, faċilitajiet korrettivi) fid-dawl tar-rwol tagħna bħala Knisja fis-soċjetà llum.
KOLLABORAZZJONI SUĠĠERITA: il-Fakultà tat-Teoloġija; l-Ispiritual Development in Schools; iċ-CAM; Missio Malta; il-Patrijiet Franġiskani Kapuċċini; l-Istitut ta' Formazzjoni Pastorali.



# Knisja li toħroġ: missjoni bħala qadi

## Inwasslu l-ħarsa tiegħu fuq id-dinja

### L-inkulturazzjoni tal-Evanġelju

Riflessjoni dwar il-kuntest kulturali ġdid ta' Malta llum, u dwar l-isfidi li qed naffaċċjaw biex ninkulturaw mill-ġdid l-Evanġelju f'pajjiżna. Proċess ta' dixxerniment għal azzjonijiet konkreti ta' tħabbir tal-Evanġelju fil-parroċċi, fl-iskejjel, u fl-ambjenti soċjali u kulturali kollha f'pajjiżna permezz tal-arti u tradizzjonijiet lokali.

B'mod speċjali, grupp żgħir għandu joħroġ bi proposti għal **preżenza diġitali Nisranija** relevanti u jaħseb dwar viżjoni li tiggwida lil kull Nisrani biex ikun xhud awtentiku f'din ir-realtà ġdida. Il-grupp jaħdem ukoll dwar gwida għall-istrutturi tal-Knisja.

KOLLABORAZZJONI SUĠĠERITA: il-Vigarjat għall-Evanġelizzazzjoni, speċjalment fl-oqsma ta' ħidma ta' formazzjoni fil-parroċċi u l-iskejjel; il-Kulleġġ tal-Kappillani; l-Uffiċċju Komunikazzjoni; it-Technology Development Unit tal-Arċidjoċesi ta' Malta; Beacon Media u entitatjiet oħra skont il-ħidma identifikata.

## Nirrestawraw ir-reliġjożità popolari

Għandu jitwaqqaf grupp *ad hoc* bil-għan li jirrestawra t-tifsira profonda tar-**reliġjożità popolari** f'Malta sabiex anke permezz ta' dawn l-espressjonijiet popolari tkun tista' tiġġedded il-memorja tal-fidi ta' missirijietna u nsaħħu l-għeruq tal-poplu tagħna fil-laqgħa oriġinali tagħhom ma' Kristu.
KOLLABORAZZJONI SUĠĠERITA: il-Vigarjat għall-Evanġelizzazzjoni; il-Vigarjat għall-Kleru u l-Parroċċi.

## Impenn biex nippromwovu l-ħajja u d-dinjità umana

Flimkien mas-soċjetà ċivili, il-Knisja għandha tidentifika fejn id-dinjità tal-bniedem qed tiġi mhedda u toħloq inizjattivi ġodda li **jindirizzaw l-għeruq tal-faqar** (attitudnijiet, taħriġ u deċiżjonijiet). Il-Knisja għandha tiffoka fuq inizjattivi għal dawk li huma l-iktar fil-bżonn flok fuq ħidmiet li l-Gvern u s-settur privat diġà qegħdin iwettqu.
KOLLABORAZZJONI SUĠĠERITA: il-Vigarjat għad-Djakonija; il-Kunsill Presbiterali; il-Kunsill Pastorali Djoċesan; il-Kulleġġ tal-Kappillani; il-Caritas; il-Kummissjoni Ġustizzja u Paċi.

Nirriflettu fuq kif il-Knisja tagħmel tagħha l-istess tamiet u l-istess preokkupazzjonijiet tal-bqija tal-popolazzjoni ta' Malta. Ninterpretaw dak li qed jiġri bħalissa f'Malta fid-dawl tal-Evanġelju u **nipproponu toroq permezz tad-djalogu** li jwasslu lill-Insara u lil dawk ta' rieda tajba biex jissaħħu fit-teħid ta' deċiżjonijiet etiċi u fil-formazzjoni politika li tħares l-onestà, l-integrità, il-ġustizzja u l-governanza tajba.
KOLLABORAZZJONI SUĠĠERITA: il-Kummissjoni Ġustizzja u Paċi; il-Kummissjoni Ambjent.

## Naħdmu għal ekoloġija integrali

Il-Kummissjoni Ambjent għandha tibda djalogu mal-parroċċi, gruppi u movimenti biex tħeġġeġ deċiżjonijiet favur ekoloġija integrali u l-**parteċipazzjoni f'inizjattivi favur l-ambjent**. Minbarra dan għandu jsir proċess ta' riflessjoni dwar **użu aħjar tal-proprjetà** tal-entitajiet tal-Knisja u jiġi determinat liema proprjetà tista' tintuża għal proġetti biex jgħinu persuni fil-bżonn.
KOLLABORAZZJONI SUĠĠERITA: il-Kummissjoni Ambjent; il-Forum tal-Għaqdiet u l-Movimenti Kattoliċi tal-Lajċi; il-Kulleġġ tal-Kappillani; il-Vigarjat għad-Djakonija.

Jingħata bidu għal proġett b'rabta mal-inizjattiva *The Economy of Francesco* sabiex **l-ekonomija tkun tassew għas-servizz tal-umanità u l-ħarsien tal-ambjent.**
KOLLABORAZZJONI SUĠĠERITA: il-Kummissjoni Ġustizzja u Paċi.